# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 136

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

9 ta' Mejju 2014


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni Nru 472/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)** ..... 1


II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 473/2014 tas-17 ta' Jannar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex l-Anness III tiegħu jiġi ssupplimentat b'mapep indikattivi ġodda** [1] ..... 10

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 474/2014 tat-8 ta' Mejju 2014 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi ("REACH") fir-rigward ta' 1,4-diklorobenżen** [1] ..... 19

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 475/2014 tat-8 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 23


DEĊIŻJONIJIET


2014/258/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUBAM Libya/3/2014 tat-30 ta' April 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)** ..... 25


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2014/259/PESK:

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/2/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)** 26

2014/260/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2014 dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2013** *(notifikata bid-dokument C(2014) 2792)* ........ 27

2014/261/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2014 Dwar it-twaqqif tal-Infrastruttura tar-Riċerka Euro-Argo bħala Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (Euro-Argo ERIC)** ........ 35

2014/262/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2014 li tiddetermina d-data minn meta s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għandha tibda topera fi tnax, fi tlet-tax, f'erbatax u fi ħmistax-il reġjun** ........ 51

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 472/2014/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' April 2014**

**dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 u l-Artikolu 210(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropewtal-10 ta' Diċembru 2013 ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) It-tnaqqis tal-faqar u fl-aħħar mill-aħħar il-qerda tiegħu huma l-għan ewlieni tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-ġlieda kontra l-faqar globali tgħin ukoll biex tinbena dinja aktar stabbli, aktar paċifika, b'aktar ġid u aktar ġusta, li tirrifletti l-interdipendenza bejn pajjiżi aktar sinjuri u aktar foqra.

(2) Kif jingħad fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 bl-isem "Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE", il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikkonsisti wkoll fil-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-progress tal-bnedmin fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, inkluża d-dimensjoni kulturali.

(3) L-Unjoni ilha tipprovdi għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-1957 u issa hija l-akbar donatur tal-għajnuna uffiċjali għall-Iżvilupp fid-dinja.

(4) It-Trattat ta' Lisbona integra fis-sod il-politika għall-iżvilupp fl-azzjoni esterna tal-Unjoni b'appoġġ għall-interess li għandha l-Unjoni f'dinja stabbli u b'aktar ġid. Il-politika għall-iżvilupp tgħin ukoll biex jiġu indirizzati sfidi globali oħrajn u tikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020, stipulata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020, strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv".

(5) L-Unjoni ilha fuq quddiem fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' koerenza fil-politika għall-iżvilupp, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sinerġiji u tnaqqas il-kontradizzjonijiet bejn politiki mhux ta' għajnuna u l-għanijiet ta' żvilupp, sabiex tiżgura li l-politiki tal-Unjoni jappoġġjaw il-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew għall-inqas ma jmorrux kontra l-għan tal-eliminazzjoni tal-faqar.

([1]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014.

(6) Fl-2000, il-komunità internazzjonali ntrabtet li tieħu passi konkreti sal-2015 fil-ġlieda kontra l-faqar, bl-adozzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), li ġew aċċettati mill-Unjoni u l-Istati Membri.

(7) Id-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp tal-Unjoni Ewropea: "Il-Kunsens Ewropew" ([1]), u li jibqa' l-bażi l-aktar komprensiva għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp tal-Unjoni, jappella lill-Unjoni biex tgħin fit-tisħiħ tar-rwol ta' Stati Membri ġodda bħala donaturi ġodda.

(8) Id-dinja għaddiet minn bidla enormi fis-snin riċenti, inklużi bidliet fix-xejriet li jaffettwaw l-ekonomija globali u l-bilanċ politiku. Fix-xena globali tfaċċaw atturi ġodda, inklużi atturi privati u oħrajn mhux governattivi. Fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni fid-dinja żdiedu l-inugwaljanzi bejn il-pajjiżi. Filwaqt li ekonomiji żviluppati u emerġenti huma responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-prodott gross domestiku globali, dawn tal-aħħar issa saru l-ixpruni ewlenin tat-tkabbir globali u diġà għandhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija dinjija.

(9) Huwa vitali appoġġ kontinwu fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'dinja li qed tinbidel malajr. Madwar 1,3 biljun ruħ għadhom jgħixu f'faqar estrem u l-ħtiġijiet ta' żvilupp uman ta' ħafna aktar għadhom mhux qed jiġu sodisfatti. L-ambjent naturali jinsab taħt pressjoni li dejjem tiżdied u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma affettwati b'mod partikularment qawwi mill-effetti tat-tibdil fil-klima. Dawk l-isfidi huma universali u marbutin ma' xulxin u jeħtieġ li jiġu indirizzati flimkien mill-pajjiżi kollha.

(10) Bdew id-diskussjonijiet dwar il-qafas għal wara l-2015: fuq il-bażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2011 bl-isem "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 dwar l-Aġenda għall-Bidla, li diġà wasslu għal orjentament ġdid maġġuri tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp, il-Kummissjoni Ewropea fissret il-fehmiet tagħha fil-komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Frar 2013 bl-isem: "Ħajja diċenti għal kulħadd, neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli"u fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2013 il-Kunsill adotta "L-Aġenda Ġenerali ta' Wara l-2015", bil-għan li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-qafas ta' żvilupp li jeżisti bħalissa, u li jiġi stabbilit approċċ komuni sabiex jinġiebu flimkien il-qerda tal-faqar u tħassib dwar is-sostenibbiltà f'qafas internazzjonali ġenerali.

(11) Is-sena 2015 għandha tkun emblematika u kruċjali, peress li hija l-aħħar sena biex jintlaħqu l-MDGs, li dwarhom kien hemm qbil kollettiv, u b'hekk tingħata opportunità unika biex jiġu evalwati l-impenji internazzjonali. Is-sena 2015 se tkun ukoll is-sena li fiha għandhom jittieħdu deċiżjonijiet internazzjonali ewlenin dwar il-qafas għall-iżvilupp li se jieħu post il-qafas tal-MDG tul id-deċennji li ġejjin.

(12) Is-sena 2015 hija s-sena xierqa biex matulha jiġu ppreżentati r-riżultati tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni wara l-implimentazzjoni tal-prinċipji li jinsabu fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda għall-Bidla.

(13) Is-sena 2015 se tkun ukoll is-sena li matulha jseħħu avvenimenti internazzjonali importanti fl-Istati Membri, bħall-Wirja Universali "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja" f'Milan, li se tagħti opportunità speċjali biex jiġu diskussi l-politiki għall-iżvilupp globali u biex jitwettqu attivitajiet pubbliċi ta' komunikazzjoni estensivi dwar l-iżvilupp sostenibbli u kwistjonijiet relatati.

(14) Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar Aġenda għall-Bidla, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiddikjara s-sena 2015 bħala s-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, u esprima t-tama tiegħu li dan jista' jgħolli l-profil tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

(15) Is-sena 2015 għandha għalhekk tiġi nominata Sena Ewropea għall-Iżvilupp ("is-Sena Ewropea") sabiex tipprovdi opportunità f'waqtha biex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku inġenerali dwar l-orjentazzjoni attwali tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp. Hija meħtieġa informazzjoni dwar kif Unjoni li tħares 'il barra tista' tgħin biex tiżgura sostenibbiltà globali. Dan jinkludi t-tqajjim tal-għarfien dwar l-interdipendenza globali u li jintwera li l-iżvilupp huwa aktar minn sempliċiment għajnuna.

[1] ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

(16) Ta' importanza essenzjali għall-impatt pożittiv tal-azzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp hija sa liema livell hija tgawdi minn appoġġ popolari u politiku wiesa' u tagħti prova tal-użu effettiv u effiċjenti tal-fondi pubbliċi biex jinkisbu riżultati għall-iżvilupp. Is-Sena Ewropea għandha, għalhekk, isservi ta' katalist biex titqajjem kuxjenza, inkluż permezz ta' dibattitu politiku pubbliku u l-edukazzjoni għall-iżvilupp, biex tinħoloq enerġija dinamika u għall-iskambju tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, is-sħab soċjali u l-entitajiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet involuti fi kwistjonijiet tal-iżvilupp. Hija għandha tgħin biex tiġi ffukata l-attenzjoni politika u biex jiġi mmobilizzat kull min hu kkonċernat sabiex jiġu promossi azzjonijiet u inizjattivi ulterjuri kemm f'livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, flimkien mal-benefiċjarji tal-għajnuna għall-iżvilupp u r-rappreżentanti tagħhom.

(17) Is-Sena Ewropea għandha tqajjem kuxjenza dwar kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess li jiffaċċjaw in-nisa u t-tfajliet f'bosta reġjuni, partikolarment f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u s-sistemi tal-kura tas-saħħa kif ukoll iż-żwieġ sfurzat, l-isfruttament sesswali u l-mutilazzjoni ġenitali u prattiki ħżiena oħra.

(18) L-Ewrobarometru Speċjali 392 bl-isem "Solidarjetà li twassal madwar id-Dinja: l-Ewropej u l-għajnuna għall-iżvilupp", ippubblikat f'Ottubru 2012, wera li 85 % taċ-ċittadini tal-Unjoni kienu favur li tingħata għajnuna lil nies f'pajjiżi sħab. Kif jingħad fir-rapport, minkejja l-klima ekonomika attwali, aktar minn sitta minn kull għaxar ċittadini jaħsbu li l-għajnuna għan-nies fil-pajjiżi sħab għandha tiżdied. Fl-istess ħin, dak ir-rapport wera b'mod ċar li hemm nuqqas ta' għarfien dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni, fatt li jindika l-ħtieġa ta' komunikazzjoni aħjar.

(19) Il-koordinazzjoni effiċjenti bejn is-sħab kollha li jikkontribwixxu fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali hija prerekwiżit fundamentali għal Sena Ewropea effettiva. Is-sħab lokali u reġjonali f'dan il-każ għandhom rwol partikolari fil-promozzjoni tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni.

(20) Il-kuntesti u s-sensitivitajiet nazzjonali soċjoekonomiċi u kulturali diversi jirrikjedu li xi attivitajiet tas-Sena Ewropea jkunu deċentralizzati fil-livell nazzjonali, skont l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Madankollu, l-iffissar tal-prijoritajiet politiċi fil-livell nazzjonali għandu jiġi kkoordinat mal-Kummissjoni bil-ħsieb li tkun iggarantita l-konsistenza mal-għanijiet strateġiċi tas-Sena Ewropea. Il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-attivitajiet tal-Kummissjoni u dawk tal-Istati Membri hija ta' importanza kbira sabiex jinħolqu sinerġiji u s-Sena Ewropea tkun suċċess.

(21) Minbarra l-Istati Memrbi, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati fil-qafas tas-Sena Ewropea għandha tkun miftuħa għall-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fi programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u f'deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Għandha tiġi inkoraġġuta l-koordinazzjoni mal-miżuri nazzjonali, b'mod partikolari mal-programmi nazzjonali ta' Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp (DEAR). Il-livell u l-forma ta' involviment fis-Sena Ewropea għandu jibqa' fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru.

(22) Għandha tiġi żgurata konsistenza u kumplimentarjetà ma' leġiżlazzjoni u azzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) inkluż il-programm DEAR, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u strumenti oħra tal-Unjoni għall-finanzjament ta' azzjoni esterna, fejn ikunu rilevanti għall-politika tal-iżvilupp.

(23) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonali tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa meta ma kinux dovuti jew użati b'mod ħażin u, fejn xieraq, pieni amministrattivi u finanzjarji skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(24) Sabiex l-attivitajiiet maħsuba għas-Sena Ewropea jkunu kemm jista' jkun effettivi u effiċjenti, huwa importanti li titwettaq sensiela ta' azzjonijiet preparatorji fl-2014.

---

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

([3]) Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

(25) Il-Kummissjoni diġà ħadet bosta miżuri li jippromwovu politiki ta' żvilupp u li jinfurmaw liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha. Dawk il-miżuri eżistenti għandhom jintużaw kemm jista' jkun għas-Sena Ewropea.

(26) Ir-responsabbiltà primarja biex jitqajjem l-għarfien taċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' żvilupp tinsab f'idejn l-Istati Membri. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tikkomplementa u tissuplimenta l-azzjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, kif enfasizzat fid-dikjarazzjoni politika ffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni bl-isem "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija".

(27) Peress li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa ta' sħubiji multilaterali, ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid ta' prassi tajba madwar l-Unjoni kollha, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala tas-Sena Ewropea jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Is-sena 2015 għandha tiġi ddikjarata bħala "Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp" ("Is-Sena Ewropea").

Il-motto tas-Sena Ewropea għandu jkun "Id-dinja tagħna, id-dinjità tagħna, il-ġejjieni tagħna".

*Artikolu 2*

**Għanijiet**

L-għanijiet tas-Sena Ewropea għandhom ikunu:

(a) li ċ-ċittadini tal-Unjoni jiġu infurmati dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'enfasi fuq ir-riżultati li l-Unjoni, b'ħidma flimkien mal-Istati Membri, kisbet bħala attur globali u li se tkompli tagħmel dan f'konformità mad-diskussjonijiet l-aktar riċenti dwar il-qafas ġenerali ta' wara l-2015;

(b) li jitrawwem involviment dirett, ħsieb kritiku u interess attiv taċ-ċittadini u l-partijiet interessati tal-Unjoni fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inkluż fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika; kif ukoll

(c) li jitqajjem għarfien dwar il-benefiċċji tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni mhux biss għall-benefiċjarji tal-assistenza għall-iżvilupp tal-Unjoni iżda wkoll għaċ-ċittadini tal-Unjoni u li jinkiseb fehim usa' tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, kif ukoll biex jitrawwem, fost iċ-ċittadini fl-Ewropa u n-nies f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, sens ta' responsabbiltà konġunta, solidarjetà u opportunità f'dinja li dejjem qed tinbidel u ssir dejjem aktar indipendenti.

*Artikolu 3*

**Miżuri**

1. Il-miżuri meħuda sabiex jinkisbu l-għanijiet tas-Sena Ewropea għandhom jinkludu l-miżuri li ġejjin, li jistgħu jkunu organizzati fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali, kif jingħad fl-Anness, u ma' pajjiżi sħab, skont l-Artikolu 6(5):

(a) kampanji ta' komunikazzjoni biex jinxterdu l-messaġġi ewlenin immirati lejn il-pubbliku ġenerali u lejn udjenzi aktar speċifiċi, b'mod partikolari żgħażagħ u gruppi oħra fil-mira ewlenin, inkluż permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali;

(b) l-organizzazzjoni ta' konferenzi, avvenimenti u inizjattivi mal-partijiet interessati rilevanti kollha, illi tiġi promossal-parteċipazzjoni attiva u d-dibattitu, u biex titqajjem kuxjenza fil-livelli kollha;

(c) jittieħdu miżuri konkreti fl-Istati Membri mmirati lejn il-promozzjoni tal-għanijiet tas-Sena Ewropea, b'mod partikolari permezz tal-edukazzjoni għall-iżvilupp, l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prassi tajba fost amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, u organizzazzjonijiet oħra; u

(d) it-twettiq ta' studji u stħarriġ u t-tixrid tar-riżultati tagħhom.

2. Il-Kummissjoni tista' tidentifika miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea u tista' tippermetti li l-isem tas-Sena Ewropea u l-motto jintużaw fil-promozzjoni ta' dawk il-miżuri sakemm dawn ikunu jikkontribwixxu biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

*Artikolu 4*

**Il-koordinazzjoni mal-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri biex kull wieħed minnhom jaħtar koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sehem ta' dak l-Istat Membru fis-Sena Ewropea. L-Istati Membrigħandhom jinformaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ħatra bħal din.

2. Il-koordinaturi nazzjonali, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, inklużi s-soċjetà ċivili u s-settur privat, il-parlamenti nazzjonali, is-sħab soċjali, u, fejn xieraq, aġenziji nazzjonali, l-Istat federali jew il-livell tal-gvern subnazzjonali, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali u fejn applikabbli pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej assoċjati jew punti ta' kuntatt għall-programmi rilevanti tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri biex jibagħtulha, sal-1 ta' Settembru 2014, il-programm ta' ħidma tagħhom, li għandu jippreżenta d-dettalji dwar l-attivitajiet nazzjonali ippjanati għas-Sena Ewropea, skont l-għanijiet tas-Sena Ewropea u d-dettalji tal-miżuri li jinsabu fl-Anness.

4. Qabel ma tapprova l-programmi ta' ħidma, il-Kummissjoni għandha tivverifika li dawk l-attivitajiet jikkonformaw, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ([1]), mal-għanijiet tas-Sena Ewropea.

*Artikolu 5*

**Parteċipazzjoni**

Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tas-Sena Ewropea li għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati li jkunu qed jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, bi qbil mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fi programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u f'deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 6*

**Il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni u l-implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta din id-Deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni, partikolarment billi taddotta d-deċiżjonijiet ta' finanzjament meħtieġa skont ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-istrumenti għall-finanzjament tal-azzjoni esterna rilevanti għall-azzjonijiet ikkonċernati, jiġifieri l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-perjodu 2014-2020, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Istrument Ewropew tal-Viċinat, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u l-Istrument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ("l-istrumenti għall finanzjament ta' azzjoni esterna").

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 85).

([3]) Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

([4]) Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).

([5]) Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

2. Il-Kummissjoni flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandha tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Istati Membri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-korpi u l-assoċjazzjonijiet attivi fi kwistjonijiet ta' żvilupp fil-livell tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex tikkoordina l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea u biex isir skambju tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' tistieden rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll membri tal-Parlament Ewropew biex jattendu għal dawk il-laqgħat bħala osservaturi.

4. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-partijiet interessati rilevanti kollha involuti fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni biex jassistuha fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom ikunu mistiedna għal dawk il-laqgħat.

5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel is-Sena Ewropea prijorità fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tar-Rappreżentanzi tagħha fl-Istati Membri u d-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi sħab. Bil-għan li jipparteċipaw f'attivitajiet relatati mas-Sena Ewropea, kemm jekk dawk l-attivitajiet isiru fl-Unjoni u kemm jekk isiru fil-pajjiżi terzi, sħab fl-iżvilupp f'pajjiżi terzi għandhom ikunu appoġġjati minn Delegazzjonijiet tal-UE filwaqt li l-pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej għandhom ikunu appoġġjati permezz ta' kanali istituzzjonali xierqa.

6. Is-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom jagħmlu s-Sena Ewropea parti integrali mill-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni li jkunu għaddejjin.

*Artikolu 7*

**Konsistenza u kumplimentarjetà**

Skont ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-istrumenti għall-finanzjament ta' azzjoni esterna rilevanti għall-azzjonijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti ma' kwalunkwe miżuri oħrajn tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali li jgħinu fil-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea, u jkunu jikkomplementaw bissħiħ il-miżuri eżistenti tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar sostenn finanzjarju u mhux finanzjarju**

1. Il-miżuri li min-natura tagħhom huma mifruxa mal-Unjoni kollha, u li huma msemmija fil-Parti A tal-Anness, għandhom iwasslu għal proċedura ta' sejħa għall-offerti jew għal għotjiet iffinanzjati mill-Unjoni skont it-Titoli V u VI tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. Il-miżuri li jkunu min-natura tagħhom mifruxa mal-Unjoni kollha, imsemmija fil-Parti B tal-Anness, jistgħu jiġu kofinanzjati mill-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tagħti kofinanzjament lil kull koordinatur nazzjonali skont il-proċedura stabbilita fil-Parti C tal-Anness.

4. Fejn xieraq, u bla ħsara għall-għanijiet u l-baġit tagħhom, il-programmi eżistenti li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-iżvilupp jistgħu jsostnu s-Sena Ewropea. Barra minn hekk, l-isforzi eċċezzjonali mill-Istati Membri fil-ġestjoni ta' avvenimenti internazzjonali relatati mal-iżvilupp jew ħidmiet internazzjonali għall-iżvilupp jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll fil-programmi ta' ħidma nazzjonali.

5. Il-Kummissjoni tista' tagħti appoġġ mhux finanzjarju għal attivitajiet li jsiru minn organizzazzjonijiet pubbliċi u privati u li jkunu konformi mal-Artikolu 3(2).

6. Biex il-miżuri jitqiesu bħala eliġibbli għall-finanzjament taħt din id-Deċiżjoni huma għandhom ikunu rekwiżiti li jagħmlu użu effettiv ta' nfiq pubbliku, biex jagħtu valur miżjud, u jkunu orjentati lejn ir-riżultati.

*Artikolu 9*

**Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'verifiki u spezzjonijiet effettivi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu mingħajr ma kienu dovuti u, fejn xieraq, b'penalitajiet amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonali u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha, li rċevew fondi tal-Unjoni taħt din id-Deċiżjoni.

3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([1]) u fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' xi ftehim jew deċiżjoni ta' għotja jew ta' xi kuntratt iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*

**Rappurtar u valutazzjoni**

Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni sabiex tipprepara azzjoni ta' segwitu xierqa.

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M.SCHULZ | D. KOURKOULAS |

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (Euratom, EC) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex jiġu mħarsal-interessi finanzjarji tal-komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħrajn (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([2]) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

*ANNESS*

**DETTALJI TAL-MIŻURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3**

L-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea għandha tiffoka fuq kampanja wiesgħa ta' informazzjoni mifruxa mal-Unjoni, u kkumplimentata minn azzjoni meħuda mill-Istati Membri. L-azzjonijiet kemm tal-Unjoni kif ukoll nazzjonali jistgħu jinvolvu wkoll is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, is-sħab soċjali, is-settur privat, il-parlamenti nazzjonali u, fejn xieraq, aġenziji nazzjonali, l-Istat federali jew il-livell tal-gvern subnazzjonali, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet interessati l-oħra bil-għan li jinħoloq sens ta' sjieda fost l-atturi ewlenin.

L-Unjoni għandha tagħti appoġġ finanzjarju, kif ukoll l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-logo żviluppat mill-Kummissjoni, u materjal ieħor assoċjat mas-Sena Ewropea, għal miżuri mwettqa minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, meta dawk l-organizzazzjonijiet jagħtu garanzija lill-Kummissjoni li dawk il-miżuri jitwettqu jew ikunu se jitwettqu matul is-sena 2015 u jkun hemm il-probabbiltà li dawn ikunu ta' kontribut sinifikanti għall-kisba tal-għanijiet tas-Sena Ewropea.

A. MIŻURI DIRETTI TAL-UNJONI

Il-finanzjament għandu jieħu l-forma ta' xiri dirett ta' prodotti u servizzi skont il-kuntratti ta' qafas attwali. Jista' jieħu wkoll il-forma ta' għotjiet li jkopru sa 80 % tal-kost finali ta' attivitajiet. Il-miżuri jistgħu jinkludu:

(a) kampanji ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jinkludu:

(i) il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' materjal awdjoviżiv u stampat li jirrifletti l-għanijiet tas-Sena Ewropea;

(ii) avvenimenti ta' profil għoli biex titqajjem kuxjenza dwar l-għanijiet tas-Sena Ewropea u fora għall-iskambju tal-esperjenza u tal-prattika t-tajba;

(iii) miżuri biex jiġu ppubbliċizzati r-riżultati u jgħollu l-profil tal-programmi tal-Unjoni kif ukoll miżuri li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea;

(iv) l-istabbiliment ta' websajt interattiva b'informazzjoni fuq Europa (http://europa.eu/index_mt.htm) iddedikata għall-azzjoni li tkun qed tittieħed fil-kuntest tas-Sena Ewropea u għall-użu xieraq tal-midja soċjali;

(iv) premju għal kunċetti ta' komunikazzjoni innovattivi u ta' suċċess u kampanji li jgħinu, jew li għenu, biex iqajmu kuxjenza u jrawmu riflessjoni dwar kwistjonijiet ta' żvilupp b'modi mhux tas-soltu jew oriġinali, b'mod partikolari dawk imfassla biex jilħqu udjenzi ta' mira li qabel ftit li xejn kienu esposti għal kwistjonijiet ta' żvilupp globali;

(b) Inizjattivi oħrajn:

(i) il-forniment ta' servizzi lingwistiċi (traduzzjoni, interpretazzjoni, informazzjoni multilingwi);

(ii) stħarriġ ta' monitoraġġ u eżerċizzji ta' awditjar fil-livell tal-Unjoni biex tkun tista' ssir valutazzjoni u jsir rappurtar dwar it-tħejjija, l-effettività u l-impatt tas-Sena Ewropea.

B. KOFINANZJAMENT TA' MIŻURI TAL-UNJONI

Avvenimenti ta' profil għoli fuq skala tal-Unjoni li jkollhom l-għan li jqajjmu kuxjenza dwar l-għanijiet tas-Sena Ewropea, li jistgħu jiġu organizzati f'kooperazzjoni mal-Istati Membri li jkollhom il-Presidenza tal-Kunsill matul l-2015, jistgħu jirċievu għotja mill-Unjoni li ma taqbiżx it-80 % tal-kosti finali tal-attivitajiet.

C. KOFINANZJAMENT TAL-MIŻURI TAL-ISTATI MEMBRI

Kull koordinatur nazzjonali jista' jissottometti applikazzjoni ta' kofinanzjament mill-Unjoni għal miżuri jew programm ta' ħidma biex jippromwovi s-Sena Ewropea. Il-programm ta' ħidma għandu jiddeskrivi l-attivitajiet speċifiċi nazzjonali li għandhom ikunu ffinanzjati. F'dak il-qafas, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu l-prijoritajiet u l-inizjattivi proprji tagħhom skont l-Artikolu 2 u jistgħu jinkludu l-pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej fejn applikabbli.

L-applikazzjoni ta' kofinanzjament għandha tkun akkumpanjata minn baġit dettaljat li jistipula l-kosti totali tal-miżuri jew il-programm ta' ħidma propost, kif ukoll l-ammont u s-sorsi ta' kofinanzjament possibbli. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' tkopri sa 80 % tal-kosti finali tal-attivitajiet. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina ammonti indikattivi li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni għall-kofinanzjament għall-koordinatur nazzjonali u l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, li għandhom ikunu msejsa fuq kriterji li jikkunsidraw il-popolazzjoni u l-għoli tal-ħajja tal-Istat Membru kkonċernat. Ammont fiss għal kull Stat Membru għandu jiggarantixxi livell minimu ta' attivitajiet.

Meta tidderemina dak l-ammont fiss, il-Kummissjoni għandha tqis l-esperjenza relattivament qasira fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' dawk l-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2004. Il-Kummissjoni għandha wkoll tqis miżuri ppreżentati flimkien jew kondiviżi minn bosta Stati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura proċedura ta' approvazzjoni trasparenti, mgħaġġla u effiċjenti msejsa fuq il-prinċipji ta' trattament indaqs u ġestjoni finanzjarja soda.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 473/2014

**tas-17 ta' Jannar 2014**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex l-Anness III tiegħu jiġi ssupplimentat b'mapep indikattivi ġodda**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni 661/2010/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 49(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jiddisponi għall-possibilità li jiżdiedu mapep indikattivi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport estiż għal pajjiżi ġirien speċifiċi abbażi ta' ftehimiet ta' livell għoli fuq l-infrastruttura tan-netwerks tat-trasport bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien ikkonċernati.

(2) Ftehim ta' livell għoli bejn l-Unjoni, ir-Russja u l-Bjelorussja ġie milħuq fil-qafas tas-Sħubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana dwar it-Trasport u l-Loġistika (NDPTL) fil-21 ta' Novembru 2012. Ftehim ta' livell għoli bejn l-Unjoni u l-Bjelorussja, l-Ukraina, il-Moldova, il-Ġeorġja, l-Armenja u l-Azerbajġan ġie milħuq fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant fid-9 ta' Ottubru 2013.

(3) Iż-żieda ta' mapep indikattivi ta' networks tat-trasport, konnessi man-networks definiti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, kieku tippermetti li l-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi in kwestjoni tiġi mmirata aħjar.

(4) Il-ftehimiet ta' livell għoli mal-pajjiżi ġirien jikkonċernaw il-linji tan-netwerks ferrovjarji u tat-toroq, kif ukoll il-portijiet, l-ajruporti u terminals ferrovjarji u tat-toroq. L-istatus tal-ferroviji u tat-toroq f'termini ta' tlestija tal-infrastruttura ma kienx parti mill-ftehimiet. Għalhekk, il-ferroviji u t-toroq ġew ippreżentati fil-kuntest ta' ftehimiet ta' livell għoli bħala "kkumpletati",

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 jiġi emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament Delegat.

([1]) ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-mappa taħt l-intestatura "Tabella għat-Tfittxija tal-Mapep għall-pajjiżi ġirien" hija sostitwita b'dan li ġej:

"




";

(2) Il-mapep li ġejjin 15.1 sa 17.2 huma miżjuda:

"15.1. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

**Netwerk tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja**

15




| Komprensiv | Ewlieni | | Komprensiv | Ewlieni | | Komprensiv | Ewlieni | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Lesta | | | Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Lesta | | | Ajruporti |
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Għandha tiġi mtejba | | | Għandha tinbidel f'linja ferrovjarja ta' veloċità għolja | | | Portijiet |
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Ippjanata | | | Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Ippjanata | | | Terminal Ferrovjarju tat-Triq (RRT) |

15.2. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

**Netwerk tat-Trasport tas-Sħubija tal-Lvant: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja**

15



16.1. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

**Netwerk tat-Trasport tas-Shubija tal-Lvant: il-Bjelorussja, il-Moldova, l-Ukrajna;**

16




| Komprensiv | Ewlieni | | Komprensiv | Ewlieni | | Komprensiv | Ewlieni | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Lesta | | | Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Lesta | | | Ajruporti |
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Għandha tiġi mtejba | | | Għandha tinbidel f'linja ferrovjarja ta' veloċità għolja | | | Portijiet |
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Ippjanata | | | Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Ippjanata | | | Terminal Ferrovjarju tat-Triq (RRT) |

16.2. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-triq u ajruporti

**Netwerk tat-Trasport tas-Shubija tal-Lvant: il-Bjelorussja, il-Moldova, l-Ukrajna;**

16




| *Komprensiv* | *Ewlieni* | | *Komprensiv* | *Ewlieni* | | *Komprensiv* | *Ewlieni* | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Triq / Ikkompletata | | | Portijiet | | | Ajruporti |
| | | Triq / Trid tittejjeb | | | Terminal Ferrovjarju-tat-Triq | | | |
| | | Triq / Ippjanata | | | | | | |

17.1. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Ferroviji, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-toroq u ajruporti

**Shubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana dwar it-Trasport u l-Loġistika: il-Bjelorussja, il-Federazzjoni Russa**

17




| *Komprensiv* | *Evlieni* | | *Komprensiv* | *Evlieni* | | *Komprensiv* | *Evlieni* | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Lesta | | | Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Lesta | | | Ajruporti |
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Għandha tiġi mtejba | | | Għandha tinbidel f'linja ferrovjarja ta' veloċità għolja | | | Portijiet |
| | | Linja ferrovjarja konvenzjonali / Ippjanata | | | Linja ferrovjarja ta' veloċità għolja / Ippjanata | | | Terminal Ferrovjarju tat-Triq (RRT) |

17.2. Estensjoni Indikattiva għall-Pajjiżi Ġirien

Netwerk Komprensiv: Toroq, portijiet, terminals ferrovjarji-tat-toroq u ajruporti

**Shubija tad-Dimensjoni tat-Tramuntana dwar it-Trasport u l-Loġistika: il-Bjelorussja, il-Federazzjoni Russa**

17




| *Komprensiv* | *Ewlieni* | | *Komprensiv* | *Ewlieni* | | *Komprensiv* | *Ewlieni* | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Triq / Ikkompletata | | | Portijiet | | | Ajruporti |
| | | Triq / Trid tittejeb | | | Terminal Ferrovjarju-tat-Triq | | | |
| | | Triq / Ippjanata" | | | | | | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 474/2014

## tat-8 ta' Mejju 2014

## li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi ("REACH") fir-rigward ta' 1,4-diklorobenżen

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 68(1) tiegħu,

Billi:

(1) Saret valutazzjoni tar-riskju fuq 1,4-diklorobenżen (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "DCB") mill-awtoritajiet Franċiżi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 ([2]) dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti li jidhru fl-Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti. Ir-rapport finali ġie ppubblikat fl-2004 fuq is-sit tal-Internet tal-Uffiċċju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (KE, 2004) ([3]).

(2) Fi Frar tal-2008 ġiet ippubblikata l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ([4]) dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskju għad-DCB f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. F'dik il-Komunikazzjoni ġie rrakkomandat li, sabiex jiġi limitat ir-riskju għall-konsumaturi, għandhom jitqiesu r-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE ([5]) għall-użu tad-DCB fi prodotti li jfewħu l-arja, repellenti tal-kamla u blokki tat-tojlit. Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tad-DCB bħala repellent tal-kamla, kif rakkomandat minn dik il-komunikazzjoni tal-2008, huma diġà koperti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/565/KE ([6]) (tip ta' prodott 19 — repellanti u attrattanti) u għalhekk restrizzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 mhix meħtieġa għal dak l-użu.

(3) F'Novembru tal-2011, skont l-Artikolu 69(1) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala "l-Aġenzija") biex tħejji dossier ta' restrizzjoni għad-DCB li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Anness XV ta' dak ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "id-dossier tal-Anness XV").

(4) Fit-talba tagħha l-Kummissjoni staqsiet speċifikament lill-Aġenzija biex tindirizza l-esponiment tal-konsumaturi fi djarhom u fit-tojlits pubbliċi, inkluż l-esponiment ta' professjonisti li jieħdu ħsieb jew inaddfu dawn it-tojlits, filwaqt li tqies l-iktar informazzjoni rilevanti fil-letteratura xjentifika reċenti u t-tnaqqis fl-użu tad-DCB fl-Ewropa. Ir-rapport ([7]) ikkummissjonat mill-Kummissjoni dwar l-impatti soċjoekonomiċi tar-restrizzjoni tad-DCB, kellu wkoll jiġi kkunsidrat f'din il-valutazzjoni.

---

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

([3]) Ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji tal-UE dwar 1,4-Diklorobenżen. L-Uffiċċju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi, Sustanzi eżistenti, Volum 48.

([4]) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġiji għat-tnaqqis ta' riskju għal dawn is-sustanzi: Piperażina; Ċikloeżan; diisoċjanat tal-Metilendifenil; But-2in-1,4-diol; Metilossiran; Anilina; 2-Etileżilakrilat; 1,4-Diklorobenżen; 3,5-dinitro-2,6-dimetil-4-terz-butilaċetofenon; Di-(2-etileżil)ftalat; Fenol; 5-terz-butil-2,4,6-trinitro-m-ksilen (ĠU C 34, 7.2.2008, p. 1).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/565/KE tal-14 ta' Awwissu 2007 dwar in-nuqqas ta' inklużjoni fl-Anness I, IA jew IB tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ta' ċerti sustanzi biex jiġu eżaminati skont il-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tiegħu (ĠU L 216, 21.8.2007, p. 17).

([7]) RPA — Risk & Policy Analysts Limited (2010) il-Valutazzjoni Soċjoekonomika li tirriżulta minn Proposta għal Miżuri tat-Tnaqqis tar-Riskji relatati mar-Restrizzjonijiet fuq 1,4-Diklorobenżen, Rapport Finali — Ġunju tal-2010. http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/chemicals/documents/reach/studies/index_en.htm

(5) Id-DCB huwa elenkat fil-parti 3 tal-Anness VI tar- Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) bħala karċinoġenu fil-kategorija ta' periklu 2, kif ukoll għall-karatteristiċi ta' irritazzjoni tal-għajnejn tiegħu u t-tossiċità għolja tiegħu għall-organiżmi akkwatiċi, b'effetti li jibqgħu fit-tul. Huwa stmat li fl-Unjoni jintużaw madwar 800 tunnellata kull sena ta' DCB, għall-manifattura ta' prodotti li jfewħu l-arja u prodotti ta' fwieħa għat-tojlits, li minnhom 10 % huma maħsuba għal użi domestiċi u l-bqija għal użi professjonali (essenzjalment bħala fwejjaħ fit-tojlits pubbliċi).

(6) Fid-19 ta' April 2012, l-Aġenzija ppreżentat id-dossier tal-Anness XV lill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "RAC") tagħha u lill-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "SEAC") tagħha. F'dan id-dossier ([2]), intwera li t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti li jfewħu l-arja u blokki tat-tojlits abbażi tad-DCB għandhom jiġu ristretti kemm għall-użi domestiċi u kemm għall-użi professjonali billi r-riskji assoċjati magħhom mhumiex ikkontrollati b'mod xieraq u l-benefiċċji li jirriżultaw mir-restrizzjoni jegħlbu l-ispejjeż. Id-dossier wera wkoll li tinħtieġ azzjoni mawdar l-Unjoni kollha.

(7) Fit-8 ta' Marzu 2013, l-RAC adotta b'kunsens l-opinjoni tiegħu dwar ir-restrizzjoni proposta fid-dossier tal-Anness XV. Skont l-opinjoni tar-RAC, ir-restrizzjoni hija l-aktar miżura xierqa madwar l-Unjoni biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati maħluqa mid-DCB meta jintuża bħala prodott li jfewwaħ l-arja jew ta' fwieħa tat-tojlits, id-djar, l-uffiċċji jew żoni pubbliċi fuq ġewwa oħrajn, kemm f'termini ta' effikaċja u prattikabbiltà. Madankollu, l-RAC ippropona li jimmodifika r-restrizzjoni għal raġunijiet ta' infurzar, filwaqt li speċifika limitu ta' konċentrazzjoni ta' 1 % skont il-piż għad-DCB f'dawn il-prodotti, biex b'hekk jiġi evitat li l-prodotti li fihom id-DCB bħala impurità jiġu affettwati b'mod eċċessiv. Dik il-konċentrazzjoni tikkorrispondi għall-valur ta' limitu li jwassal għall-klassifikazzjoni ta' taħlita bħala karċinoġenu tal-kategorija 2 skont ir- Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(8) Kif indikat fid-dokument ta' sfond tal-opinjoni tal-RAC, il-metodi analitiċi affidabbli biex jiġi ddeterminat il-kontenut tad-DCB huma disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

(9) Fil-valutazzjoni tiegħu, l-RAC kkunsidra li l-karċinoġeniċità (mitoġenu, livell limitu karċinoġenu) huwa l-punt tat-tmiem bl-ikbar rilevanza għal saħħet il-bniedem. Skont id-dejta dwar l-esponiment mill-inalazzjoni tal-fwar tad-DCB, l-RAC ippropona li jitnaqqas ir-riskju identifikat għall-konsumaturi meta jużaw prodotti li jfewħu l-arja u prodotti ta' fwieħa għat-tojlits li fihom id-DCB, b'mod kontinwu fi djarhom. Ix-xenarju tqies li jirrappreżenta b'mod raġonevoli l-kundizzjonijiet tal-agħar każ ta' esponiment. Barra minn hekk, l-opinjoni tal-RAC iddikjarat li l-esponiment tal-professjonisti li jaħdmu bħala attendenti u l-persuni li jnaddfu t-tojlits jeħtieġ li jitnaqqas billi ġie identifikat ir-riskju f'tojlits li ma jkunux ventilati sew.

(10) Fl-analiżi tal-kamp tal-applikazzjoni tar-restrizzjoni, l-RAC ikkunsidra l-esponiment tal-konsumaturi għal prodotti li jfewħu l-arja u l-prodotti ta' fwieħa għat-tojlits fid-djar u fit-tojlits pubbliċi kif ukoll tal-professjonisti li jaħdmu f'tojlits pubbliċi, inklużi l-persuni li jnaddfuhom u dawk li jieħdu ħsiebhom, iżda wkoll gruppi oħra bħall-persunal tal-manutenzjoni. Ġew ikkunsidrati wkoll il-konsumaturi u l-professjonisti li jżuru u jaħdmu f'żoni fuq ġewwa (minbarra t-tojlits) fejn jintużaw prodotti li jfewħu l-arja li fihom id-DCB. Użi professjonali jew industrijali oħra ma tqisux.

(11) Fil-5 ta' Ġunju 2013, l-SEAC adotta b'kunsens l-opinjoni tiegħu dwar ir-restrizzjoni proposta fid-dossier tal-Anness XV. Skont l-opinjoni tas-SEAC, ir-restrizzjoni, kif immodifikata mill-RAC u l-SEAC, hija l-aktar miżura xierqa madwar l-Unjoni biex jiġu indirizzati r-riskji identifikati f'termini tal-proporzjonalità tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tagħha meta mqabbla mal-ispejjeż soċjoekonomiċi. Abbażi tal-konklużjoni tal-RAC li jeħtieġ li jitnaqqas l-esponiment għad-DCB mill-utenti domestiċi u professjonali u xi evidenza li l-użu ta' blokki tat-tojlit u ta' prodotti li jfewħu l-arja li fihom id-DCB se jippersistu fin-nuqqas ta' kwalunkwe intervent, l-SEAC qabel li restrizzjoni tkun miżura xierqa u effettiva. F'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjonalità ta' restrizzjoni fuq l-użu domestiku, l-SEAC ikkonkluda li l-miżura hija pproporzjonata. F'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjonalità ta' restrizzjoni konġunta fuq l-użu domestiku u professjonali, l-SEAC, filwaqt li qies il-benefiċċji tas-saħħa li jinkisbu u l-iskala tal-ispejjeż involuti, ikkonkluda li l-miżura ma tistax titqies li hija sproporzjonata.

(12) Il-Forum għall-Iskambju tal-Informazzjoni dwar l-Infurzar ġie kkonsultat matul il-proċess tar-restrizzjonijiet u tqiesu l-kummenti tiegħu dwar il-kliem tal-kundizzjonijiet tar-restrizzjoni u dwar il-perjodu tranżitorju mill-RAC u mill-SEAC.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([2]) http://echa.europa.eu/documents/10162/3f467af2-66e0-468d-8366-f650f63e27d7

(13) Fil-17 ta' Ġunju 2013, l-Aġenzija ppreżentat lill-Kummissjoni l-opinjonijiet tal-RAC u l-SEAC, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni tikkonkludi li jirriżulta riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem mit-tqegħid fis-suq u l-użu tad-DCB, bħala sustanza jew bħala kostitwent ta' taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 1 % skont il-piż, użati bħala prodotti li jfewħu l-arja jew ta' fwieħa fit-tojlits, id-djar, l-uffiċċji jew żoni pubbliċi fuq ġewwa oħrajn. Il-Kummissjoni tqis ukoll li dawn ir-riskji għandhom jiġu indirizzati madwar l-Unjoni kollha. L-impatti soċjoekonomiċi ta' din ir-restrizzjoni, inkluża d-disponibbiltà ta' alternattivi, ġew ikkunsidrati.

(14) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li matulhom il-partijiet interessati għandhom jadottaw miżuri li huma konformi ma' dan ir-Regolament, inklużi prodotti li jfewħu l-arja u prodotti ta' fwieħa fil-katina tal-forniment, jew fil-ħażniet.

(15) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(16) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, tiżdied l-entrata li ġejja:

| | |
|---|---|
| "64. 1,4-diklorobenżen<br>Nru CAS 106-46-7<br>Nru tal-KE 203-400-5 | Ma għandux jitqiegħed fis-suq jew jintuża, bħala sustanza jew bħala kostitwent ta' taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal 1 % jew aktar skont il-piż, meta s-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq biex tintuża bħala prodott li jfewwaħ l-arja jew prodott ta' fwieħa fit-tojlits, djar, uffiċċji jew żoni pubbliċi fuq ġewwa oħra." |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 475/2014

## tat-8 ta' Mejju 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 KG)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 48,0 |
| | MK | 125,4 |
| | TN | 49,2 |
| | TR | 99,8 |
| | ZZ | 80,6 |
| 0707 00 05 | MK | 59,9 |
| | TR | 124,2 |
| | ZZ | 92,1 |
| 0709 93 10 | TR | 111,3 |
| | ZZ | 111,3 |
| 0805 10 20 | EG | 42,9 |
| | IL | 74,6 |
| | MA | 43,2 |
| | TN | 68,6 |
| | TR | 51,4 |
| | ZZ | 56,1 |
| 0805 50 10 | TR | 91,3 |
| | ZZ | 91,3 |
| 0808 10 80 | AR | 96,6 |
| | BR | 86,5 |
| | CL | 97,3 |
| | CN | 126,4 |
| | MK | 27,7 |
| | NZ | 145,9 |
| | US | 202,1 |
| | ZA | 102,1 |
| | ZZ | 110,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUBAM LIBYA/3/2014

**tat-30 ta' April 2014**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)**

(2014/258/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/233/PESK tat-22 ta' Mejju 2013 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/233/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, skont l-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya), inkluża d-deċiżjoni biex jaħtar Kap tal-Missjoni fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

(2) Fl-24 ta' Mejju 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUBAM Libya/1/2013 ([2]), li taħtar lis-Sur Antti Juhani Hartikainen bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya għall-perjodu bejn it-22 ta' Mejju 2013 u l-21 ta' Mejju 2014.

(3) Fl-14 ta' April 2014, ir-RGħ ippropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Antti Juhani Hartikainen bħala Kap tal-Missjoni ta' EUBAM Libya sal-21 ta' Mejju 2015.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tal-Kurunell Antti Juhani Hartikainen bħala Kap tal-Missjoni EUBAM Libya huwa b'dan estiż sal-21 ta' Mejju 2015.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

([1]) ĠU L 138, 24.5.2013, p. 15.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politku u ta' Sigurtà EUBAM LIBYA/1/2013 tal-24 ta' Mejju 2013 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya) (ĠU L 147, 1.6.2013, p. 13).

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP SAHEL NIGER/2/2014

## tas-6 ta' Mejju 2014

## dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)

(2014/259/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) Taħt id-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huwa awtorizzat, skont l-Artikolu 38 tat-Trattat, jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger), inkluża d-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-12 ta' Novembru 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP Sahel Niger/2/2013 [2] biex inħatar is-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger, ad interim, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2013. Fl-14 ta' Jannar 2014, il-mandat tiegħu ġie estiż sa meta jinħatar il-Kap tal-Missjoni l-ġdid tal-EUCAP Sahel Niger [3].

(3) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet il-ħatra tas-Sur Filip DE CEUNINCK bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger għall-perijodu sal-15 ta' Lulju 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Filip DE CEUNINCK huwa b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Niger għall-perijodu sal-15 ta' Lulju 2014.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

[1] ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48.
[2] ĠU L 305, 15.11.2013, p. 18.
[3] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP Sahel Niger/1/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 14, 18.1.2014, p. 16).

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' April 2014

## dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2013

*(notifikata bid-dokument C(2014) 2792)*

(2014/260/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 119(1) tiegħu

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([2]), b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, rigward iż-żamma tal-kotba tal-aġenziji tal-ħlas, id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u tad-dħul u l-kundizzjonijiet ta' ħlas lura tal-ispejjeż fil-qafas tal-EAGF u tal-EAFRD ([3]), b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettal-jati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR ([4]), b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 kif emendat bl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014 ([5]), jipprovdi li l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 japplika għall-approvazzjoni finanzjarja tan-nefqa mġarrba u l-pagamenti li saru fis-sena finanz-jarja agrikola 2013.

(2) Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-Kummissjoni tapprova l-kontijiet tal-aġenziji tal-paga-menti msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, abbażi tal-kontijiet annwali mressqa mill-Istati Membri, akkumpanjati mill-informazzjoni meħtieġa għall-approvazzjoni tal-kontijiet u ċertifikat rigward l-integrità, il-pre-ċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet u r-rapporti stabbiliti mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni.

(3) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006, qed titqies in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2012 u l-15 ta' Ottubru 2013 għas-sena finanzjarja 2013.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.
([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 865.

(4) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 jistipula li l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati mingħand kull Stat Membru jew jitħallsu lilu, skont id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament imsemmi, għandhom jiġu stabbiliti billi jitnaqqsu l-pagamenti ta' kull xahar imħallsin għas-sena finanzjarja kkonċernata, jiġifieri l-2013, min-nefqa rikonoxxuta għal dik is-sena skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas dak l-ammont mill-pagament ta' kull xahar relatat man-nefqa li tkun saret fit-tieni xahar li jiġi wara dak li fih ittieħdet id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-kontijiet, jew iżżidu magħha.

(5) Il-Kummissjoni vverifikat it-tagħrif li ressqu l-Istati Membri u kkomunikat ir-riżultati tal-verifiki tagħha lill-Istati Membri qabel il-31 ta' Marzu 2014, flimkien mal-emendi meħtieġa.

(6) Il-kontijiet annwali u d-dokumenti ta' akkumpanjament jippermettu lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet annwali mressqa għal ċerti aġenziji tal-pagamenti. L-Anness I jelenka l-ammonti approvati u l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati mill-Istati Membri jew imħallsa lilhom li għalihom il-kontijiet nstab li huma kompluti, preċiżi u veri.

(7) It-tagħrif imressaq minn ċerti aġenziji tal-pagamenti oħra jesiġi li jsir aktar stħarriġ u l-kontjiet tagħhom ma jistgħux jiġu approvati f'din id-Deċiżjoni. L-Anness II jelenka l-aġenziji tal-pagamenti kkonċernati.

(8) Skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006, kwalunkwe skadenza maqbuża matul Awwissu, Settembru u Ottubru għandha titqies fid-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet. Parti min-nefqa ddikjarata minn ċerti Stati Membri matul dawn ix-xhur fis-sena 2013 saret wara l-iskadenzi applikabbli. Din id-deċiżjoni b'dan għandha tiffissa t-tnaqqis xieraq għall-ammonti li għandhom jiġu approvati.

(9) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 883/2006, il-Kummissjoni diġà naqqset jew issospendiet għadd ta' pagamenti ta' kull xahar mad-dħul fil-kontijiet tan-nefqa għas-sena finanzjarja 2013 minħabba qbiż tal-limiti jew minħabba li ma ġewx rispettati l-iskadenzi tal-pagamenti. Waqt li tieħu d-deċiżjoni preżenti, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammonti mnaqqsa jew sospiżi sabiex tevita l-pagamenti kollha mhux xierqa u mhux f'waqthom, waqt li tħallas lura l-ammonti li aktar tard jisgħu jkunu l-għan ta' aġġustament finanzjarju. L-ammonti inkwistjoni jistgħu jiġu eżaminati aktar, fejn xieraq, fil-qafas tal-proċedimenti tal-approvazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Għal dan il-għan, id-deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità ulterjuri li l-Kummissjoni tista' tieħu skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(10) It-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 jipprovdu li d-deċiżjoni tal-approvazzjoni finanzjarja tiddetermina l-ammonti li għandhom jiġu ċċarġjati lill-UE u lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 119(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-proċedura taħt l-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 għandha tkompli tapplika għan-nefqa mġarrba u l-pagamenti magħmula għas-sena finanzjarja 2013. Matul is-sena finanzjarja agrikola 2013 l-Artikoli 32 u 33 kienu fis-seħħ, u għalhekk l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tagħhom għandhom jitqiesu fid-deċiżjoni għall-approvazzjoni finanzjarja fir-rigward is-sena finanzjarja 2013.

(11) Skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel tajjeb għal 50 % tal-konsegwenzi finanzjarji ta' nuqqas ta' rkupru tal-irregolaritajiet jekk l-irkupru ta' dawk l-irregolaritajiet ma jkunx sar fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali. L-Artikolu 32(3) tar-Regolament imsemmi jobbliga lill-Istati Membri biex, flimkien mal-kontijiet annwali, jissottomettu lill-Kummissjoni, rapport fil-qosor dwar il-proċeduri tal-irkupru meħuda b'reazzjoni għall-irregolaritajiet. Ir-Regolament (KE) Nru 885/2006 jistipula regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jirrappurtaw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati. L-Anness III ta' dan ir-Regolament jipprovdi t-tabella li kellhom jipprovdu l-Istati Membri fl-2014. Abbażi tat-tabelli mimlija mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi finanzjarji min-nuqqas ta' rkupru ta' irregolaritajiet li jmorru lura għal iktar minn erba' jew tmien snin rispettivament. Għal dan il-għan, id-deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għad-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità ulterjuri possibbli li l-Kummissjoni tista' tieħu skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(12) Skont l-Artikolu 32(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiħdux passi għall-irkupru. Din id-deċiżjoni tista' tittieħed biss jekk it-total tal-ispejjeż li jkunu saru diġà u dawk li x'aktarx isiru jaqbeż l-ammont li għandu jiġi rkuprat jew jekk jirriżulta li l-irkupru mhux possibbli li jsir minħabba insolvenza, irreġistrata u rrikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali, tad-debitur jew tal-persuni legalment responsabbli għall-irregolarità. Jekk dik id-deċiżjoni tittieħed fi żmien erba' snin mid-deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja primarja, jew fi żmien tmien snin jekk l-irkupru jitressaq quddiem il-qrati nazzjonali, il-baġit tal-UE għandu jagħmel tajjeb għal 100 % tal-konsegwenzi finanzjarji tan-nuqqas tal-irkupru. L-ammonti li għalihom l-Istat Membru ddeċieda li ma jiħux passi għall-irkupru u r-raġunijiet għal dan huma pprovduti mir-rapporti ta' sinteżi mressqa mill-Istati Membri kkonċernati skont l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005. Il-Kummissjoni ma għandhiex tibdel tali ammonti għad-deċiżjoni preżenti għall-Istati Membri kkonċernati u l-konsegwenzi finanzjarji rispettivi għandhom konsegwentement jiġu mġarrba mill-baġit tal-UE. Għal dan il-għan, id-deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għal deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità ulterjuri possibbli li l-Kummissjoni tista' tieħu skont l-Artikolu 32(8) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

(13) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, id-deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità ulterjuri possibbli li l-Kummissjoni tista' tieħu biex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa li ma ġietx affettwata skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Bl-eċċezzjoni tal-aġenziji tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 2, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri li jikkonċernaw in-nefqa ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2013, huma approvati permezz ta' din id-deċiżjoni.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn kull Stat Membru; jew li jistgħu jitħallsu lilu; skont din id-Deċiżjoni, inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, huma stipulati fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Għas-sena finanzjarja 2013, il-kontijiet tal-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' nfiq iffinanzjat mill-FAEG, stabbiliti fl-Anness II, huma mifruda minn din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu soġġetti għal Deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet fil-futur.

*Artikolu 3*

Id-deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità ulterjuri possibbli li l-Kummissjoni tista' tieħu skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 biex teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa li ma ġietx affettwata skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Dacian CIOLOȘ

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti**

**Is-Sena Finanzjarja 2013**

**Ammont li jrid jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru jew imħallas lilu**

| SM | | 2013 — Nefqa/Dhul Assenjat għall-Aġenziji tal-Pagamenti li l-kontijiet tagħhom huma | | Total a + b | Tnaqqis u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha (1) | Tnaqqis skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 bis-saħħa tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 | Total inklużi t-tnaqqis u s-sospensjonijiet | Pagamenti li saru lill-Istati Membri għas-sena finanzjarja | Ammont li għad irid jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru (–) jew imħallas (+) lilu (2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | approvati | mifrudin | | | | | | |
| | | = nefqa /dħul assenjat iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali | = total tan-nefqa/dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar | | | | | | |
| | | a = A (col.i) | b = A (col.h) | c = a + b | d = – C1 (col. e) | e = – ART 32 | f = c + d + e | g | h = f - g |
| BE | EUR | 624 341 919,71 | 11 319 476,12 | 635 661 395,83 | – 346 540,21 | – 35 296,55 | 635 279 559,07 | 635 401 707,01 | – 122 147,94 |
| BG | EUR | 520 706 425,07 | 0,00 | 520 706 425,07 | 0,00 | 0,00 | 520 706 425,07 | 520 718 516,78 | – 12 091,71 |
| CZ | EUR | 832 289 934,09 | 0,00 | 832 289 934,09 | – 52 994,62 | 0,00 | 832 236 939,47 | 832 283 338,41 | – 46 398,94 |
| DK | DKK | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 602 013,75 | – 602 013,75 | 0,00 | – 602 013,75 |
| DK | EUR | 932 522 034,47 | 0,00 | 932 522 034,47 | – 57 570,12 | 0,00 | 932 464 464,35 | 931 438 063,06 | 1 026 401,29 |
| DE | EUR | 5 325 975 685,14 | 0,00 | 5 325 975 685,14 | 0,00 | – 221 111,26 | 5 325 754.573,88 | 5 325 926 033,61 | –171 459,73 |
| EE | EUR | 95 207 738,39 | 0,00 | 95 207 738,39 | 0,00 | – 938,45 | 95 206 799,94 | 95 207 334,70 | – 534,76 |
| IE | EUR | 1 228 632 812,85 | 0,00 | 1 228 632 812,85 | – 29 356,01 | – 55 560,00 | 1 228 547 896,84 | 1 228 618 692,08 | – 70 795,24 |
| EL | EUR | 0,00 | 2 341 140 772,14 | 2 341 140 772,14 | 0,00 | 0,00 | 2 341 140 772,14 | 2 341 140 772,14 | 0,00 |
| ES | EUR | 5 811 567 412,30 | 0,00 | 5 811 567 412,30 | – 958 284,14 | – 3 544 385,72 | 5 807 064 742,44 | 5 810 943 310,90 | – 3 878 568,46 |
| FR | EUR | 8 578 532 362,85 | 0,00 | 8 578 532 362,85 | 396 882,37 | – 1 371 083,99 | 8 577 558 161,23 | 8 577 517 764,73 | 40 396,50 |
| HR | EUR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| IT | EUR | 4 541 302 573,75 | 0,00 | 4 541 302 573,75 | – 1 726 750,06 | – 8 219 427,12 | 4 531 356 396,57 | 4 530 939 670,86 | 416 725,71 |
| CY | EUR | 48 819 358,52 | 0,00 | 48 819 358,52 | 0,00 | 0,00 | 48 819 358,52 | 48 819 358,52 | 0,00 |
| LV | EUR | 147 614 049,52 | 0,00 | 147 614 049,52 | 0,00 | 0,00 | 147 614 049,52 | 147 614 049,52 | 0,00 |
| LT | LTL | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 21,34 | – 21,34 | 0,00 | – 21,34 |
| LT | EUR | 352 722 805,82 | 0,00 | 352 722 805,82 | 0,00 | 0,00 | 352 722 805,82 | 346 930 504,98 | 5 792 300,84 |
| LU | EUR | 33 784 052,94 | 0,00 | 33 784 052,94 | 0,00 | – 2 287,96 | 33 781 764,98 | 33 682 953,52 | 98 811,46 |
| HU | HUF | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 14 562 539,00 | – 14 562 539,00 | 0,00 | – 14 562 539,00 |

| SM | | 2013 — Nefqa/Dhul Assenjat għall-Aġenziji tal-Pagamenti li l-kontijiet tagħhom huma | | Total a + b | Tnaqqis u sospensjonijiet għas-sena finanzjarja kollha (1) | Tnaqqis skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 bis-saħħa tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 | Total inklużi t-tnaqqis u s-sospensjonijiet | Pagamenti li saru lill-Istati Membri għas-sena finanzjarja | Ammont li għad irid jiġi rkuprat mingħand l-Istat Membru (–) jew imħallas (+) lilu (2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | approvati | mifrudin | | | | | | |
| | | = nefqa /dħul assenjat iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali | = total tan-nefqa/dħul assenjat fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar | | | | | | |
| | | a = A (col.i) | b = A (col.h) | c = a + b | d = – C1 (col. e) | e = – ART 32 | f = c + d + e | g | h = f - g |
| HU | EUR | 1 249 214 884,54 | 0,00 | 1 249 214 884,54 | 0,00 | 0,00 | 1 249 214 884,54 | 1 249 217 888,57 | – 3 004,03 |
| MT | EUR | 5 558 718,60 | 0,00 | 5 558 718,60 | 0,00 | 0,00 | 5 558 718,60 | 5 558 505,37 | 213,23 |
| NL | EUR | 884 672 765,83 | 0,00 | 884 672 765,83 | 0,00 | 0,00 | 884 672 765,83 | 883 449 825,44 | 1 222 940,39 |
| AT | EUR | 691 591 241,19 | 0,00 | 691 591 241,19 | 0,00 | 0,00 | 691 591 241,19 | 691 591 241,19 | 0,00 |
| PL | PLN | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 639 717,42 | – 639 717,42 | 0,00 | – 639 717,42 |
| PL | EUR | 3 147 739 014,75 | 0,00 | 3 147 739 014,75 | 0,00 | 0,00 | 3 147 739 014,75 | 3 147 935 629,19 | – 196 614,44 |
| PT | EUR | 762 827 603,78 | 0,00 | 762 827 603,78 | – 226 040,22 | – 1 067 365,09 | 761 534 198,47 | 762 462 063,84 | – 927 865,37 |
| RO | RON | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| RO | EUR | 0,00 | 1 174 835 753,20 | 1 174 835 753,20 | 0,00 | 0,00 | 1 174 835 753,20 | 1 174 835 753,20 | 0,00 |
| SI | EUR | 133 999 797,83 | 0,00 | 133 999 797,83 | 0,00 | – 468,80 | 133 999 329,03 | 134 000 855,36 | – 1 526,33 |
| SK | EUR | 361 277 778,15 | 0,00 | 361 277 778,15 | 0,00 | 0,00 | 361 277 778,15 | 361 265 716,53 | 12 061,62 |
| FI | EUR | 535 729 245,61 | 0,00 | 535 729 245,61 | – 2 563,40 | – 3 262,59 | 535 723 419,62 | 535 738 480,77 | – 15 061,15 |
| SE | SEK | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 643 347,92 | – 643 347,92 | 0,00 | – 643 347,92 |
| SE | EUR | 676 877 998,55 | 0,00 | 676 877 998,55 | 0,00 | 0,00 | 676 877 998,55 | 676 905 013,98 | – 27 015,43 |
| Ir-Renju Unit | GBP | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 | – 67 175,63 | – 67 175,63 | 0,00 | – 67 175,63 |
| Ir-Renju Unit | EUR | 3 104 971 517,71 | 0,00 | 3 104 971 517,71 | – 1 285 694,03 | 0,00 | 3 103 685 823,68 | 3 102 951 204,38 | 734 619,30 |

| SM | Nefqa [3] | Dħul assenjat [3] | L-Artikolu 32 (= e) | Total (= h) |
|---|---|---|---|---|
| | 05 07 01 06 | 6701 | 6702 | |
| | i | j | k | l = i + j + k |
| BE | 0,00 | – 86 851,39 | – 35 296,55 | – 122 147,94 |
| BG | 0,00 | – 12 091,71 | 0,00 | – 12 091,71 |
| CZ | 0,00 | – 46 398,94 | 0,00 | – 46 398,94 |
| DK | 0,00 | 0,00 | – 602 013,75 | – 602 013,75 |
| DK | 1 026 401,29 | 0,00 | 0,00 | 1 026 401,29 |
| DE | 49 651,53 | 0,00 | – 221 111,26 | – 171 459,73 |
| EE | 403,69 | 0,00 | – 938,45 | – 534,76 |
| IE | 77 921,30 | – 93 156,54 | – 55 560,00 | – 70 795,24 |
| EL | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| ES | 0,00 | – 334 182,74 | – 3 544 385,72 | – 3 878 568,46 |
| FR | 1 411 480,49 | 0,00 | – 1 371 083,99 | 40 396,50 |
| HR | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| IT | 8 636 152,83 | 0,00 | – 8 219 427,12 | 416 725,71 |
| CY | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| LV | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| LT | 0,00 | 0,00 | – 21,34 | – 21,34 |
| LT | 5 792 300,84 | 0,00 | 0,00 | 5 792 300,84 |
| LU | 101 099,42 | 0,00 | – 2 287,96 | 98 811,46 |
| HU | 0,00 | 0,00 | – 14 562 539,00 | – 14 562 539,00 |

| SM | Nefqa (3) | Dħul assenjat (3) | L-Artikolu 32 (= e) | Total (= h) |
|---|---|---|---|---|
| | 05 07 01 06 | 6701 | 6702 | |
| | i | j | k | l = i + j + k |
| HU | 0,00 | – 3 004,03 | 0,00 | – 3 004,03 |
| MT | 213,23 | 0,00 | 0,00 | 213,23 |
| NL | 1 222 940,39 | 0,00 | 0,00 | 1 222 940,39 |
| AT | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| PL | 0,00 | 0,00 | – 639 717,42 | – 639 717,42 |
| PL | 0,00 | – 196 614,44 | 0,00 | – 196 614,44 |
| PT | 139 499,72 | 0,00 | – 1 067 365,09 | – 927 865,37 |
| RO | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| RO | 0,00 | 0,00 | 0,00 | 0,00 |
| SI | 0,00 | – 1 057,53 | – 468,80 | – 1 526,33 |
| SK | 12 061,62 | 0,00 | 0,00 | 12 061,62 |
| FI | 0,00 | – 11 798,56 | – 3 262,59 | – 15 061,15 |
| SE | 0,00 | 0,00 | – 643 347,92 | – 643 347,92 |
| SE | 0,00 | – 27 015,43 | 0,00 | – 27 015,43 |
| Ir-Renju Unit | 0,00 | 0,00 | – 67 175,63 | – 67 175,63 |
| Ir-Renju Unit | 734 619,30 | 0,00 | 0,00 | 734 619,30 |

(1) It-tnaqqis u s-sospensjonijiet huma dawk li tqiesu fis-sistema tal-pagamenti, li magħhom jiżdiedu partikolarment il-korrezzjonijiet meta ma jiġux rispettati l-iskadenzi tal-pagamenti stabbiliti f'Awwissu, Settembru u Ottubru 2013 u l-korrezzjonijiet għal taxxa fuq il-ħalib.

(2) Għall-kalkolu tal-ammont li se jkun irkuprat mill-Istat Membru jew imħallas lilu, l-ammont li jitqies huwa t-total tad-dikjarazzjoni annwali għan-nefqa approvata (col.a) jew, it-total tad-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar għan-nefqa mhux approvata (col.b).
Ir-rata tal-kambju applikabbli: l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2006.

(3) BL 05 07 01 06 għandu jinqasam bejn il-korrezzjonijiet negattivi li jsiru dħul assenjat f'BL 67 01 u dawk pożittivi favur l-Istat Membru li issa se jiġu inklużi fin-naħa tan-nefqa 05 07 01 06 skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

NB: Nomenklatura 2014: 05 07 01 06, 6701, 6702

*ANNESS II*

**Approvazzjoni tal-kontijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti**

**Is-sena finanzjarja 2013 — FAEG**

**Lista tal-Aġenziji tal-Pagamenti li l-kontijiet tagħhom huma mifrudin u li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni aktar tard**

| Stat Membru | Aġenzija tal-Pagamenti |
|---|---|
| Il-Belġju | Bureau d'intervention et de restitution belge (BIRB) |
| Il-Greċja | L-Aġenzija tal-Pagamenti u tal-Kontroll għall-Għajnuniet Komunitarji ta' Gwida u Garanzija (O.P.E.K.E.P.E) |
| Ir-Rumanija | L-Aġenzija tal-Ħlas u l-Intervent għall-Agrikoltura (PIAA) |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Mejju 2014

## Dwar it-twaqqif tal-Infrastruttura tar-Riċerka Euro-Argo bħala Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (Euro-Argo ERIC)

(2014/261/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERIC) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq talbu lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-Infrastruttura tar-Riċerka Euro-Argo bħala Konsorzju għal Infrastruttura Ewroepea tar-Riċerka (Euro-Argo ERIC). Ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tal-Polonja għamlu magħrufa d-deċiżjoni tagħhom li jipparteċipaw inizjalment f'Euro-Argo ERIC bħala Osservaturi.

(2) Ir-Repubblika Franċiża ġiet magħżula mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Taljana, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq bħala l-Istat Membru Ospitanti ta' Euro-Argo ERIC.

(3) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Infrastruttura tar-Riċerka Euro-Argo bħala Konsorzju għall-Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (Euro-Argo ERIC) hija permezz ta' dan stabbilita.

2. L-Istatuti tal-Euro-Argo ERIC huma stabbiliti fl-Anness. L-istatuti għandhom jinżammu aġġornati u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-Euro-Argo ERIC u fis-sede statutorja tiegħu.

3. L-elementi essenzjali tal-Istatuti li l-emendi għalihom għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009 huma previsti fl-Artikoli 1, 3, 4, 13, 23–31.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1.

*ANNESS*

**L-ISTATUTI TA' Euro-Argo ERIC**

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Ir-Repubblika Ellenika

Ir-Repubblika ta' Franza

Ir-Repubblika tal-Italja

Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi

Ir-Repubblika tal-Finlandja

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa "Membru Fundatur" individwalment u b'mod kollettiv bħala "Membri Fundaturi".

kif ukoll:

Ir-Renju tan-Norveġja

Ir-Repubblika tal-Polonja

Minn hawn 'il quddiem imsejħa "Osservatur Fundatur" individwalment u b'mod kollettiv bħala "Osservaturi Fundaturi".

META QIESU LI l-bidla fil-klima hija waħda mill-kwistjonijiet l-aktar urġenti ta' dan is-seklu, il-fehim u l-previżjonijiet tal-bidliet kemm fl-atmosfera u kif ukoll fl-oċeani huma meħtieġa sabiex jiggwidaw l-azzjonijiet internazzjonali u biex jottimizzaw il-politiki tal-gvernijiet dwar il-bidla fil-klima globali, dan il-fehim jeħtieġ settijiet ta' dejta tal-ogħla kwalità;

META QIESU LI l-osservazzjonijiet *in-situ* meħtieġa fl-oċeani, li għandhom jinżammu għal perjodi ta' żmien twal, mhumiex aċċessibbli għal timijiet ta' riċerka u pajjiżi individwali, li s-sistema globali tal-osservazzjoni tal-oċeani Argo Internazzjonali tfasslet biex nilqgħu għal dik l-isfida globali, u li hija l-ewwel netwerk tal-osservazzjoni tal-oċeani *in situ* fl-istorja tal-oċeanografija, u li tipprovdi komplement essenzjali għas-sistemi tas-satellita;

META QIESU LI s-suċċess f'din l-impriża hekk importanti li jista' jintlaħaq biss permezz ta' grad għoli ħafna ta' kooperazzjoni internazzjonali, l-Euro-Argo se tiżviluppa u tikkonsolida l-komponent Ewropew tan-netwerk globali. L-interessi Ewropej speċifiċi jeħtieġu wkoll kampjunar miżjud f'ċerti ibħra reġjonali. B'mod ġenerali, l-infrastruttura tal-Euro-Argo għandha tinkludi madwar 800 sufrun f'operazzjoni fi kwalunkwe żmien partikolari. Iż-żamma ta' tali firxa teħtieġ li l-Ewropa tutilizza madwar 250 sufrun kull sena;

META QIESU LI l-insfrastruttura tar-riċerka Euro-Argo se ssaħħaħ l-eċċellenza u l-ħila Ewropea fir-riċerka dwar il-klima u se tistabbilixxi livell għoli ta' kooperazzjoni bejn l-imsieħba Ewropej fl-aspetti implimentattivi kollha: l-operat fil-baħar, il-firxa tal-monitoraġġ u l-evoluzzjoni, l-iżviluppi tekonoloġiċi u xjentifiċi, it-titjib tal-aċċess għad-dejta għar-riċerka u s-Servizz Marin GMES/Copernicus, il-koordinazzjoni tal-kontribut Ewropew għall-imaniġġjar internazzjonali tal-Programm Argo;

XEWQANA LI l-arranġamenti ta' kooperazzjoni eżistenti jiġu trasferiti f'entità b'personalità ġuridika separata minn tal-Membri tagħha sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni, biex jippermettu li Euro-Argo tidħol f'kuntratti f'isimha stess inkluż għax-xiri ta' sufruni u proprjetà, oġġetti jew servizzi oħra u biex tikkomplementa u ssaħħaħ il-governanza stabbilita mill-Programm Internazzjonali Argo;

WAQT LI TALBU lill-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi l-infrastruttura Euro-Argo bħala Konsorzju tal-Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (Euro-Argo ERIC);

QABLU DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

KAPITOLU 1

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### L-isem u s-sede

1. Isem il-konsorzju għandu jkun Euro-Argo ERIC, inkorporat bħala Konsorzju tal-Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka, minn hawn 'il quddiem "Euro-Argo ERIC".

2. Is-sede statutorja ta' Euro-Argo ERIC għandha tkun f'Plouzané, fi Franza ("Sede Statutorja").

3. Il-Kunsill għandu jikkunsidra, mill-inqas darba kull ħames (5) snin, jekk is-Sede Statutorja għandhiex tibqa' fi Franza jew tiġi trasferita fit-territorju ta' Membru ieħor.

4. Ir-rekwiżiti u l-proċeduri għall-istabbiliment u biex tiġi ttrasferita s-Sede Statutorja għandhom ikunu stabbiliti f'dokument separat intitolat "Il-Proċeduri Interni ta' Ħidma".

*Artikolu 2*

### Deskrizzjoni tal-infrastruttura

1. Euro-Argo huwa magħmul minn infrastruttura ċentrali li hija proprjetà ta'Euro-Argo ERIC u kkontrollata minnu (l-"Infrastruttura Ċentrali"). L-Infrastruttura Ċentrali għandha tikkoordina l-attivitajiet ta' Euro-Argo b'arranġamenti ma' entitajiet u faċilitajiet ġuridiċi indipendenti nazzjonali distribwiti.

2. L-Istatuti għandhom biss japplikaw għall-Infrastruttura Ċentrali.

*Artikolu 3*

### Għanijiet u kompiti

1. L-għan ta' Euro-Argo ERIC għandu jkun l-iżvilupp ta' sistema ta' monitoraġġ globali tal-oċean fit-tul ta' żmien biex nifhmu aħjar u nbassru l-oċeani u r-rwol tagħhom fis-sistema klimatika.

2. L-Euro-Argo ERIC għandha tikkoordina u ssaħħaħ l-kontribuzzjoni Ewropea lejn il-Programm Internazzjonali ARGO kif approvat mill-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernattiva (IOC) tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (Unesco) u l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO). L-għanijiet speċifiċi ta' Euro-Argo ERIC għandhom ikunu:

(a) li jipprovdi, jorganizza u jopera firxa ta' madwar 800 sufrun li jikkontribwixxu lejn il-firxa globali (kontribut Ewropew ta' 1/4 tal-firxa globali);

(b) li jipprovdi kopertura addizzjonali fl-ibħra reġjonali Ewropej;

(c) li jiżviluppa aktar l-infrastruttura (eż. it-titjib tat-teknoloġija tas-sufruni u ż-żieda ta' sensers ġodda, it-titjib tas-sistema tal-ipproċessar u d-distribuzzjoni tad-dejta); kif ukoll

(d) li jipprovdi dejta ta' kwalità kkontrollata u aċċess għal settijiet ta' dejta u prodotti tad-dejta għall-komunitajiet tar-riċerka (il-klima u l-oċeanografija) u dawk operattivi (eż. il-Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES)/Is-Servizz Marin Copernicus).

*Artikolu 4*

### Attivitajiet

1. L-Euro-Argo ERIC għandu:

(a) jissorvelja l-operat tal-infrastruttura u jiżgura li hija tevolvi skont ir-rekwiżiti stabbiliti mill-komunitajiet tar-riċerka u dawk operazzjonali;

(b) jikkoordina u jissorvelja l-użu tas-sufruni biex jiżgura li l-għanijiet tal-Euro-Argo u ARGO Internazzjonali huma sodisfati (eż. il-kontribuzzjoni lejn il-firxa globali ta' Argo Internazzjonali, billi jimla l-lakuni, ikopri b'mod aħjar l-ibħra reġjonali u marġinali Ewropej, l-aċċess miftuħ għad-dejta);

(c) jissorvelja u jorganizza l-ipproċessar tad-dejta, il-kontroll tal-kwalità, u jiżgura aċċess faċli u disponibbiltà f'waqtha lill-utenti kollha;

(d) jimmonitorja t-tħaddim tal-infrastruttura (eż. l-monitoraġġ tar-rendiment tal-firxa);

(e) jiddeċiedi dwar l-evoluzzjoni tal-infrastruttura Euro-Argo (eż. is-sistema ta' dejta, prodotti, teknoloġija u sensers ġodda, in-numru ta' sufruni użati kull sena);

(f) jaqsam l-għarfien espert dwar l-iżviluppi teknoloġiċi/xjentifiċi kollha u l-użu tad-dejta ta' ARGO Internazzjonali;

(g) jorganizza l-prokura tas-sufruni fil-livell Ewropew;

(h) iwettaq riċerka kontinwa u l-iżvilupp meħtieġa għall-evoluzzjoni tal-firxa ta' osservazzjoni (eż. it-teknoloġija tas-sufruni) u s-sistema tat-tqassim tad-dejta;

(i) iżżomm ir-rabtiet mal-komunitajiet tal-utenti tar-riċerka u dawk operazzjonali (inklużi GMES/Is-Servizz Marin Copernicus); kif ukoll,

(j) jikkollabora mal-infrastruttura ta' ARGO Internazzjonali (l-Uffiċċju tal-Proġett Argo, it-Tim ta' Tmexxija ta' Argo Internazzjonali; iċ-Ċentru ta' Informazzjoni Argo). L-infrastruttura Ewropea ser tikkomplementa u ssaħħaħ dik internazzjonali; din se tikkonsolida u tagħmel aktar effiċjenti l-kontributi Ewropej lil ARGO Internazzjonali u tiżviluppa rwol mexxej Ewropew f'ARGO Internazzjonali u l-evoluzzjoni futura tagħha.

2. Bħala parti mill-attivitajiet tiegħu, Euro-Argo ERIC għandu:

(a) jappoġġja l-aċċess għall-Euro-Argo ERIC mill-komunitajiet xjentifiċi u operattivi Ewropej u internazzjonali;

(b) jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riċerka xjentifika; kif ukoll,

(c) jindirizza suġġetti xjentifiċi ta' rilevanza għall-Argo Internazzjonali.

3. Euro-Argo ERIC jista' jwettaq xi attivitajiet ekonomiċi limitati sakemm dawn ikunu relatati mill-qrib mal-kompiti tiegħu u l-attivitajiet elenkati f'dan l-Artikolu u ma jipperikolawx l-ilħiq tagħhom.

4. Euro-Argo ERIC jista' jiddelega kwalunkwe mill-attivitajiet tiegħu lil Membri, lil Osservaturi jew lil partijiet terzi.

5. L-attivitajiet ta' Euro-Argo ERIC għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet u l-missjonijiet tal-Membri tiegħu u l-Osservaturi u l-kompiti u l-attivitajiet tiegħu ma għandhomx jipprekludu attivitajiet simili li jkunu qed isiru minn xi Membru jew Osservatur jew b'mod indipendenti jew b'kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali

## KAPITOLU 2

## MEMBRI U OSSERVATURI

*Artikolu 5*

### Membri u Osservaturi

1. Euro-Argo ERIC għandu jkun magħmul minn Membri u Osservaturi. Huma għandhom ikunu marbutin bi Proċeduri ta' Ħidma Interni, approvati mill-Kunsill. Il-Membri fundaturi u Osservaturi fundaturi ta' Euro-Argo ERIC fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-Istatuti huma elenkati fl-Anness.

2. L-Anness għandu jiġi aġġornat mill-Maniġer tal-Programm tal-Euro-Argo ERIC wara revoka jew irtirar tas-sħubija jew tal-istatus ta' osservatur jew wara l-ammissjoni ta' Membri jew Osservaturi mill-Kunsill. L-ebda tibdil fil-lista ta' Membri u Osservaturi tal-Euro-Argo ERIC ma għandu jkun jeħtieġ emenda formali tal-Istatuti.

*Artikolu 6*

### Membri

1. Il-membri huma Stati u organizzazzjonijiet intergovernattivi. Dawn jistgħu jkunu rrappreżentati minn entità pubblika waħda jew iktar, inkluż reġjuni, jew minn entitajiet privati b'missjoni ta' servizz pubbliku fir-rigward tal-eżerċizzju ta' drittijiet speċifiċi u fit-twettiq ta' obbligi speċifiċi bħala Membru tal-Euro-Argo ERIC. Kull Membru għandu jitkellem b'vuċi waħda.

2. Membru għandu jinforma lill-Kunsill bil-ħatra ta' kull entità li tirrappreżentah, kif ukoll bid-drittijiet li l-entità jkollha jew l-obbligi li tassumi. Il-Membru għandu minnufih javża lill-Kunsill dwar kull bidla.

*Artikolu 7*

**Osservaturi**

1. L-Osservaturi huma Stati u organizzazzjonijiet intergovernattivi. Dawn jistgħu jkunu rrappreżentati minn entità pubblika waħda jew iktar, inkluż reġjuni, jew minn entitajiet privati b'missjoni ta' servizz pubbliku fir-rigward tal-eżerċizzju ta' drittijiet speċifiċi u fit-twettiq ta' obbligi speċifiċi bħala Osservatur tal-Euro-Argo ERIC.

2. Osservatur għandu jinforma lill-Kunsill bil-ħatra ta' kull entità li tirrappreżentah, kif ukoll bid-drittijiet li l-entità jkollha jew l-obbligi li tassumi. L-Osservatur għandu minnufih javża lill-Kunsill dwar kull bidla.

3. L-osservaturi huma intitolati li jattendu l-laqgħat kollha tal-Euro-Argo ERIC mingħajr id-dritt li jivvotaw.

4. L-osservaturi huma intitolati li jipparteċipaw u jikkontribwixxu lill-Euro-Argo ERIC. Huma għandu jkollhom aċċess għal, u appoġġ mis-servizzi u l-kompetenza tal-Euro-Argo ERIC.

5. Kull Stat Membru, pajjiż assoċjat, pajjiż terz u organizzazzjoni intergovernattiva li jixtiequ jiġu ammessi bħala osservatur għandhom jirrispettaw l-istatuti permezz ta' ftehim bil-miktub ta' konformità.

6. L-ammissjoni u t-tkeċċija ta' osservaturi għandhom ikunu suġġetti għal deċiżjoni tal-Kunsill.

7. Osservatur jista' jirtira fl-aħħar ta' kull Sena Finanzjarja, kif iddefinit fl-Artikolu 20, mill-Euro-Argo ERIC permezz ta' avviż bil-miktub mibgħut lill-Maniġer tal-Programm mill-inqas sena qabel l-irtirar propost. Il-Kunsill għandu jirreġistra formalment l-irtirar u l-konsegwenzi tiegħu għall-Euro-Argo ERIC.

*Artikolu 8*

**Ammissjoni ta' Membru**

Il-membri ta' Euro-Argo ERIC għandhom ikunu Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, Stati mhux Membri tal-Unjoni Ewropea (pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi) jew organizzazzjonijiet intergovernattivi, u dejjem għandu jkun hemm tal-inqas wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u żewġ pajjiżi oħra li jew huma Stati Membri jew pajjiżi assoċjati bħala Membri. Kull Stat Membru, pajjiż assoċjat, pajjiż terz jew organizzazzjoni intergovernattiva li jixtiequ jiġu ammessi bħala Membru għandhom jrrispettaw l-istatuti permezz ta' ftehim bil-miktub ta' konformità. L-ammissjoni ta' Membri ġodda għandha tkun suġġett għal deċiżjoni tal-Kunsill.

*Artikolu 9*

**Irtirar ta' Membru**

1. Wara perjodu ta' erba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-Istatuti, kwalunkwe membru tal-Euro-Argo ERIC jista' jissottometti nota bil-miktub lill-Maniġer tal-Programm li tindika l-intenzjoni ta' Membru li jirtira mill-Euro-Argo ERIC. Id-data tal-irtirar għandha tikkoinċidi ma' tmiem is-Sena Finanzjarja kif iddefinit fl-Artikolu 20 u n-notifika bil-miktub għandha tasal għand il-Maniġer tal-Programm mill-inqas sena qabel id-data proposta ta' rtirar.

2. Il-Kunsill għandu jirreġistra formalment l-irtirar u l-konsegwenzi tiegħu għall-Euro-Argo ERIC.

3. Il-Kunsill għandu jiddetermina jekk Membru jkunx intitolat għal xi somom mal-irtirar. Jekk il-Membru jkun intitolat, il-Kunsill għandu jiddetermina l-valur tad-drittijiet u l-obbligi tat-tali Membru filwaqt li jitqiesu l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Euro-Argo ERIC kif inhuma fid-data li dan il-membru ma jibqax parti mill-Euro-Argo ERIC.

4. Id-dritt li għalih il-membru jkun intitolat mal-irtirar, fl-ebda każ ma għandu jaqbeż il-kontribuzzjoni magħmula mill-Membru fil-ħames snin ta' qabel bl-esklużjoni tad-drittijiet ta' abbonament.

5. L-ebda Membru li jkun qed jirtira mill-Euro-Argo ERIC ma jista' jitlob ebda ammont fir-rigward tal-miżata tar-reġistrazzjoni u avvjament.

*Artikolu 10*

**Tkeċċija ta' Membru**

1. Kwalunkwe membru tal-Euro-Argo ERIC jista' jitkeċċa jekk huwa jkun kiser l-obbligi tiegħu skont l-istatuti, jew jikkawża jew jhedded li jikkawża tahwid serju fl-operat tal-Euro-Argo ERIC kif iddeterminat mill-Kunsill. Deċiżjoni biex jitkeċċa Membru għandha tittieħed mill-Kunsill, wara li l-Membru kkonċernat ikun ingħata l-opportunità biex jirrispondi għad-deċiżjoni proposta u jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill.

2. Il-Kunsill għandu jiddetermina l-intitolament tal-Membru sad-data li dan ma jibqax membru tal-Euro-Argo ERIC, skont l-Artikolu 9.

KAPITOLU 3

## ID-DRITTIJIET U L-OBBLIGI TAL-MEMBRI

*Artikolu 11*

### Drittijiet tal-vot

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, kull Membru għandu jkollu mill-inqas sitt voti. Kull Membru għandu jkollu vot wieħed addizzjonali għal kull sufrun akkwistat u użat minnu jew f'ismu fuq perjodu ta' tliet snin kalendarji ta' qabel is-sena finanzjarja li matulha ssir il-laqgħa, irrispettivament mis-sħubija fl-Euro-Argo ERIC. In-numru ta' sufruni għandu jiġi ddeterminat minn notifiki uffiċjali tas-sufruni li jsiru permezz taċ-Ċentru tal-Informazzjoni tal-IOC ARGO, u għandu jinkludi l-akkwist u l-użu ta' sufruni matul it-tliet snin finanzjarji li jiġu qabel l-istabbiliment tal-Euro-Argo ERIC. Matul l-ewwel tliet snin finanzjarji tal-operazzjoni Euro-Argo ERIC, il-perjodu ta' tliet snin li jippreċedu s-Sena Finanzjarja li matulha ssir il-laqgħa għandu jinkludi s-snin kalendarji qabel l-istabbiliment ta' Euro-Argo ERIC.

2. L-Istati Membri jew il-pajjiżi assoċjati għandu jkollhom b'mod konġunt il-maġġoranza tad-drittijiet ta' votazzjoni fil-Kunsill. Il-Kunsill għandu jiddetermina kull modifika ta' drittijiet tal-vot li tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li Euro-Argo ERIC jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit.

*Artikolu 12*

### Kontribuzzjonijiet

1. Ir-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Euro-Argo ERIC u sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' Euro-Argo ERIC għandhom jitħallsu mill-Membri u l-Osservaturi skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-Istatuti u kif iddeterminat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjonijiet għall-ewwel ħames snin ta' Euro-Argo ERIC wara li l-Istatuti jidħlu fis-seħħ huma stabbiliti f'Deskrizzjoni Teknika u Xjentifika tal-Euro-Argo ERIC li għandha tkun mehmuża ma' dawn l-Istatuti u li ma għandhiex tkun parti integrali minnhom.

2. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi kull sena dwar il-kontribuzzjoni minima meħtieġa għall-Membri u għall-osservaturi, b'avviż sentejn bil-quddiem (jiġifieri d-deċiżjonijiet meħuda fis-sena n japplikaw għas-sena n+2). Il-kontribuzzjonijiet kollha għandhom jiġu magħmula f'EUR.

3. Il-kontribuzzjonijiet tal-Membri u tal-Osservaturi fir-rigward tal-ispejjeż tal-operat mhumiex se jkunu soġġetti għall-VAT.

4. Jekk il-Kunsill jiddetermina li hemm żbilanċ dejjiemi u sinifikanti bejn l-użu proporzjonali tal-faċilità mill-komunità xjentifika ta' Membru u l-kontribuzzjoni ta' dak il-Membru, il-Kunsill għandu jkun intitolat li jillimita l-użu tagħha, sakemm il-Membru ma jaqbilx li jsir l-aġġustament xieraq tar-rati ta' kontribuzzjoni kif stabbilit fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 13*

### Responsabbiltà tal-Membri

1. Ir-responsabbiltà tal-Membri lejn id-djun u l-obbligi tal-Euro-Argo ERIC, ta' kwalunkwe tip, għandha tkun limitata għall-kontribuzzjoni annwali ta' kull Membru individwali.

2. Euro-Argo ERIC għandu jieħu u jżomm assigurazzjoni xierqa biex ikopri r-riskji marbuta mal-operat ta' Euro-Argo ERIC.

KAPITOLU 4

## IL-GOVERNANZA U L-ĠESTJONI TA' Euro-Argo ERIC

*Artikolu 14*

### Governanza

L-istruttura tal-governanza ta' Euro-Argo ERIC għandha tkun tikkonsisti minn dawn l-entitajiet, li jkollhom is-setgħat kif iffissat fil-punti a) — d):

(a) il-Kunsill, bħala l-entità li jkollha l-awtorità aħħarija fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

(b) il-Bord ta' Tmexxija li jissorvelja l-operazzjoni ta' Euro-Argo ERIC u li jiżgura li dan jaħdem u jevolvi skont id-direzzjoni strateġika stabbilita mill-Kunsill, u r-rekwiżiti stabbiliti mill-komunitajiet tar-riċerka u operazzjonali;

(c) il-Maniġer tal-Programm maħtur mill-Kunsill, bħala uffiċjal eżekuttiv u r-rappreżentant ġuridiku ta' Euro-Argo ERIC; kif ukoll

(d) il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku u Tekniku (STAG) li jagħti pariri lill-Kunsill dwar kwistjonijiet xjentifiċi u tekniċi.

*Artikolu 15*

**Il-Kunsill**

1. Il-Kunsill għandu jkun l-uniku korp ta' Euro-Argo ERIC li jkollu l-poter li jtemm lill-Euro-Argo ERIC.

2. Il-Kunsill għandu jiddefinixxi d-direzzjoni strateġika wiesgħa ta' Euro-Argo ERIC, u l-evoluzzjoni tagħha. Għandu jikkunsidra u japprova l-proposti u l-pjan ta' ħidma annwali, tal-Bord tat-Tmexxija, dwar l-allokazzjoni ta' fondi rċevuti mill-Unjoni Ewropea u minn Membri, Osservaturi u partijiet terzi. Huwa għandu jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar investimenti kbar bħal bini u tagħmir kbir fil-livell Ewropew. Huwa għandu jiddeċiedi dwar il-ftuħ ta' pożizzjonijiet tal-persunal, jew dwar il-ħatra ta' persunal issekondat, għall-Uffiċċju tal-Programm.

3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar is-sħubija fl-Euro-Argo ERIC inkluż id-dħul tal-Membri u l-irtirar jew l-esklużjoni tal-Membri.

4. Il-Kunsill għandu jaħtar Maniġer tal-Programm fuq proposta mill-Bord tat-Tmexxija.

5. Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri ta' Grupp Konsultattiv Xjentifiku u Tekniku (STAG), u jistabbilixxi t-termini ta' referenza għall-ħidma tiegħu fuq proposta mill-Bord tat-Tmexxija.

6. Il-partijiet interessati ewlenin jistgħu jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-Kunsill mill-President.

7. Kull Membru għandu jkun rappreżentat minn delegat wieħed. L-Oosservaturi jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kunsill u għandhom ikunu rrappreżentati minn delegat wieħed. Kull delegat jista' jkun akkumpanjat minn esperti xierqa.

8. Il-Kunsill għandu jeleġġi lill-President tiegħu għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded darba għal perjodu ulterjuri ta' tliet snin, minn fost il-Membri tiegħu, b'maġġoranza kwalifikata tal-membri. Il-Viċi President tal-Kunsill għandu jkun elett b'maġġoranza kwalifikata ħalli jwettaq il-kompiti tal-President f'każ ta' assenza tiegħu/tagħha.

9. Il-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' maġġoranza sempliċi, maġġoranza kwalifikata jew unanimità kif ġej:

(a) Deċiżjoni b'maġġoranza sempliċi ta' dawk preżenti:

i. Approvazzjoni tal-kontijiet annwali;

ii. Approvazzjoni tar-rapport annwali tal-attivitajiet tal-Maniġer tal-Programm;

iii. Ħatra ta' awdituri finanzjarji;

iv. Ħatra tal-Bord tat-Tmexxija;

v. Ħatra tal-iSTAG; kif ukoll,

vi. Id-deċiżjonijiet l-oħrajn kollha li mhumiex espliċitament meħtieġa li għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata jew b'unanimità.

(b) Deċiżjoni b'maġġoranza ta' żewġ terzi ta' dawk bi drittijiet tal-vot preżenti jew rappreżentati, u li jirrappreżentaw żewġ terzi tad-drittijiet tal-vot (maġġoranza kwalifikata):

i. Approvazzjoni tal-baġit annwali;

ii. Proposta għall-emendar tal-istatuti;

iii. Elezzjoni tal-President tal-Kunsill;

iv. Ħatra tal-Maniġer tal-Programm;

v. Determinazzjoni tat-termini tal-adeżjoni u l-proċedura għal Membri u Osservaturi ġodda;

vi. Ammissjoni ta' Membri;

vii. Ammissjoni ta' Osservaturi;

viii. Twaqqif, emendar u approvazzjoni ta' Proċeduri Interni ta' Ħidma;

ix. Deċiżjoni u emendar tal-kontribuzzjonijiet minimi dovuti mill-Membri u l-Osservaturi;

x. Determinazzjoni tal-modifika tad-drittijiet tal-vot meħtieġa biex jiġi żgurat li Euro-Argo ERIC ikun konformi mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 11;

xi. Twaqqif u emendar tal-metodi u l-liċenzjar rigward l-isfruttament tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

xii. Trasferiment tal-indirizz uffiċjali u tas-Sede Statutorja u l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat ta' Euro-Argo ERIC lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew Pajjiż Assoċjat.

xiii. Stralċ ta' Euro-Argo ERIC; kif ukoll

xiv. Il-kontinwazzjoni jew it-terminazzjoni ta' Euro-Argo ERIC.

(c) Deċiżjoni b'unanimità għajr il-vuċi tal-Membru kkonċernat f'każ ta' tkeċċija ta' Membru.

10. Il-Membri jaċċettaw li jkunu marbuta bid-dispożizzjonijiet ta' Proċeduri Interni ta' Ħidma dwar vot bi prokura, ir-rappreżentazzjoni fil-laqgħat, u l-ħtiġiet ta' kworum.

11. Il-Kunsill għandu normalment jissejjaħ darba fis-sena mill-President fil-post fejn Euro-Argo ERIC huwa rreġistrat, jew f'kull post ieħor stabbilit mill-President.

12. Il-Kunsill għandu jinżamm mhux aktar minn xahrejn wara li l-kontijiet annwali tas-sena finanzjarja preċedenti jintbagħtu lill-Membri.

13. Il-President jista' jiddeċiedi, jekk ikun meħtieġ, li jsejjaħ laqgħat straordinarji fi kwalunkwe ħin ieħor, jew jekk il-President jirċievi bil-miktub talba bħal din mingħand Maniġer tal-Programm, jew mingħand mill-inqas terz tal-Membri.

14. Il-Membri jaqblu li jkunu marbuta bid-dispożizzjonijiet ta' proċeduri interni ta' ħidma dwar notifiki u organizzazzjoni tal-laqgħat, l-aġenda, il-minuti u dispożizzjonijiet oħra ta' dawn.

*Artikolu 16*

**Bord tat-Tmexxija**

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jissorvelja l-operazzjoni ta' Euro-Argo ERIC u jiżgura li dan jaħdem u jevolvi skont id-direzzjoni strateġika stabbilita mill-Kunsill, u r-rekwiżiti stabbiliti mill-komunitajiet tar-riċerka u operazzjonali;

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jivvalida pjan ta' ħidma annwali mħejji mill-Maniġer tal-Programm u għandu jippreżentah għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa se jħejji u jressaq quddiem il-Kunsill proposti għall-baġit annwali u dwar l-allokazzjoni ta' fondi rċevuti mill-Unjoni Ewropea u l-fondi jew l-abbonamenti mibgħuta mill-Membri, mill-Osservaturi u minn partijiet terzi.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jivvalida l-azzjonijiet kollha meħtieġa meħuda mill-Maniġer tal-Programm li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma annwali, għall-operazzjoni ta' Euro-Argo ERIC, b'mod partikolari l-akkwist tas-sufruni u l-istrateġija tal-utilizzazzjoni, ir-relazzjonijiet tiegħu mal-Programm ARGO Internazzjonali u l-istituzzjonijiet Ewropej rilevanti.

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul minn delegati maħtura mill-Membri. Kull Membru għandu jkun intitolat li jinnomina delegat u sostitut wieħed.

5. Il-Maniġer tal-Programm u l-President tal-iSTAG għandhom ikunu intitolati li jattendu f'kapaċità konsultattiva l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija.

6. L-Osservaturi għandhom ikunu intitolati li jattendu jew li jkunu rappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija, mingħajr id-drittijiet ta' votazzjoni.

7. Esperti u persuni oħra partikolarment ikkwalifikati fi kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi jistgħu jiġu mistiedna mill-President, mingħajr id-drittijiet ta' votazzjoni.

8. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jeleġġi lill-President tiegħu għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded darba għal perjodu ulterjuri ta' tliet snin, minn fost il-Membri tiegħu, b'maġġoranza kwalifikata tal-membri. Il-Viċi President għandu jkun elett b'maġġoranza kwalifikata tal-Bord tat-Tmexxija ħalli jwettaq id-doveri tal-President f'każ ta' assenza tiegħu/tagħha.

9. Kull Membru għandu jkollu drittijiet tal-vot kif stabbilit fl-Artikolu 11.

10. Il-Membri għandhom ikunu marbuta bid-dispożizzjonijiet ta' Proċeduri Interni ta' Ħidma dwar il-vot bi prokura, ir-rappreżentazzjoni fil-laqgħat, u l-ħtiġiet ta' kworum.

11. Il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija għandhom normalment jissejħu darba fis-sena mill-President fil-post fejn Euro-Argo ERIC ikun irreġistrat, jew f'kwalunkwe post ieħor stabbilit mill-President.

12. Il-President jista' jiddeċiedi, jekk ikun meħtieġ, li jsejjaħ laqgħat straordinarji fi kwalunkwe ħin ieħor; jew fuq talba mill-Maniġer tal-Programm, jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-Membri.

13. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinżamm għal mhux aktar minn xahrejn wara li l-kontijiet annwali tas-sena finanzjarja preċedenti jintbagħtu lill-Membri.

14. Il-Membri għandhom ikunu marbuta bid-dispożizzjonijiet ta' proċeduri interni ta' ħidma dwar notifiki u organizzazzjoni tal-laqgħat, l-aġenda, il-minuti u dispożizzjonijiet oħra ta' dawn.

*Artikolu 17*

**Il-Maniġer tal-Programm**

1. Il-Maniġer tal-Programm għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u l-Programmi vvalidati mill-Bord tat-Tmexxija u approvati mill-Kunsill. Il-Maniġer tal-Programm għandu jinħatar mill-Kunsill u jkun responsabbli lejh.

2. Il-Maniġer tal-Programm għandu jieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa għat-twettiq tal-Pjan Annwali ta' Ħidma u tal-amministrazzjoni u l-ġestjoni ta' kuljum tal-Euro-Argo ERIC. Dan jinkludi b'mod patikolari:

(a) l-iffaċilitar tal-aċċess għall-Euro-Argo ERIC u d-dejta tiegħu mill-komunitajiet tar-riċerka u operazzjonali;

(b) l-ippjanar, il-koordinazzjoni u s-superviżjoni tal-utilizzazzjoni tas-sufruni;

(c) l-organizzazzjoni tal-akkwist tas-sufruni fil-livell Ewropew;

(d) l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Euro-Argo ERIC;

(e) it-tħejjija ta' rapport annwali tal-attività, u ta' rapport ta' ġestjoni annwali;

(f) is-superviżjoni ta' kull ma għandu x'jaqsam mal-baġit u l-approvazzjoni tal-infiq;

(g) it-tħejjija tar-rapport tal-baġit annwali u l-proposta tal-pjanjiet tal-baġit;

(h) il-koordinament tal-attivitajiet tal-persunal tal-Euro-Argo ERIC ta' persuni ssekondati lil Euro-Argo ERIC;

(i) is-superviżjoni tal-Uffiċċju tal-Programm; kif ukoll

(j) l-istabbiliment u ż-żamma ta' rabtiet mal-komunitajiet tal-utenti tar-riċerka u dawk operattivi (GMES/Copernicus).

3. Il-Maniġer tal-Programm għandu jirrappreżenta lill-Euro-Argo ERIC fl-istruttura ta' governanza ta' Argo Internazzjonali (Tim ta' Direzzjoni ta' Argo Internazzjonali) mingħajr ma tiċċaħħad ir-rappreżentanza nazzjonali mill-membri.

4. Il-Maniġer tal-Programm għandu jkun intitolat li jiffirma kuntratti u ftehimiet li jorbtu legalment f'isem Euro-Argo ERIC ma' partijiet terzi.

5. Il-Maniġer tal-Programm għandu jassisti lill-President tal-Bord tat-Tmexxija fit-tħejjija tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija.

6. Għandu jiġi stabbilit Uffiċċju tal-Programm biex jgħin lill-Maniġer tal-Programm u jappoġġja l-ġestjoni ta' kuljum ta' Euro-Argo ERIC inkluż mingħajr limitazzjoni l-iffajljar tal-posta u l-korrispondenza, l-arkivjar ta' dokumenti, l-arranġamenti għall-ivvjaġġar, l-organizzazzjoni tal-laqgħat, it-tħejjija tar-rapporti u d-dokumenti finanzjarji.

*Artikolu 18*

**Il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku u Tekniku (STAG)**

1. L-iSTAG, filwaqt li jaġixxi bħala korp konsultattiv magħmul minn esperti indipendenti, għandu jiġi stabbilit sabiex jagħti pariri lill-Kunsill dwar kwalunkwe kwistjoni xjentifika jew teknika, inkluż il-ġestjoni tad-dejta u l-istrumentazzjoni rilevanti għat-tħaddim, l-iżvilupp, u l-evoluzzjoni tal-Euro-Argo ERIC, u l-aċċess għad-dejta tiegħu minn utenti tar-riċerka u dawk operattivi. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jitlob, permezz tal-Kunsill, biex l-iSTAG jikkonsidra u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati. It-termini ta' referenza tal-iSTAG proposti mill-Bord tat-Tmexxija u approvati mill-Kunsill għandhom jiġu stabbiliti fil-Proċeduri ta' Ħidma Interna.

2. L-iSTAG għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill dwar l-aspetti xjentifiċi u tekniċi u d-direzzjoni tal-Euro-Argo ERIC, b'kunsiderazzjoni tal-kuntest Ewropew u internazzjonali.

KAPITOLU 5

**FINANZI**

*Artikolu 19*

**Riżorsi**

Ir-riżorsi tal-Euro-Argo ERIC għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2) u jistgħu jkunu magħmula minn:

(a) Abbonamenti annwali tal-Membri u l-Osservaturi;

(b) Kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Membri jew l-Osservaturi;

(c) Ħlas ta' servizzi pprovduti mill-Euro-Argo ERIC lil partijiet terzi u minn royalties jew dħul derivat mill-użu minn partijiet terzi ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali li hija proprjetà ta' jew/u liċenzjata minn Euro-Argo ERIC;

(d) għotjiet għal attivitajiet speċifiċi tal-Euro-Argo ERIC skont it-Titolu VI tar-Regolament (UE, Euratom) 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(e) Għotjiet oħra; kif ukoll,

(f) Riżorsi addizzjonali li jingħataw jew *in natura* jew fi flus fi ħdan il-limiti u skont it-termini approvati mill-Kunsill.

*Artikolu 20*

**Prinċipji baġitarji, kontijiet u verifika**

1. Is-sena finanzjarja ta' Euro-Argo ERIC għandha tibda fl-1 ta' Jannar u għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena ("Sena Finanzjarja").

2. L-oġġetti kollha tad-dħul u tal-infiq ta' Euro-Argo ERIC għandhom ikunu inklużi fl-istimi li jridu jitfasslu għal kull sena finanzjarja u jkunu jidhru fil-baġit.

3. Euro-Argo ERIC għandu jżomm rendikont separat tal-ispejjeż u d-dħul mill-attivitajiet ekonomiċi tiegħu u għandu jitlob prezzijiet tas-suq għalihom, jew, jekk dawn il-prezzijiet ma jkunux jistgħu jiġu determinati, jinħadmu abbażi tal-kostijiet totali b'marġni raġonevoli.

4. Il-Membri għandhom jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda.

5. Il-baġit għandu jkun stabbilit u implimentat u l-kontijiet jiġu ppreżentati f'konformità mal-prinċipju ta' trasparenza.

6. Il-kontijiet tal-Euro-Argo ERIC għandhom ikunu akkompanjati minn rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-Sena Finanzjarja preċedenti.

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

7. Euro-Argo ERIC għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti tal-liġijiet nazzjonali tal-pajjiż ospitanti u r-regolamenti applikabbli fir-rigward tal-preparazzjoni, l-iffajlar, l-awditjar u l-pubblikazzjoni tal-kontijiet.

*Artikolu 21*

**Taxxi**

Eżenzjoni mill-VAT bbażata fuq l-Artikoli 143(1)(g) u 151(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) għandha tapplika għal xirjiet magħmula minn Euro-Argo ERIC għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tiegħu, u mhux għall-attivitajiet ekonomiċi mwettqa. L-eżenzjoni mill-VAT għandha tiġi applikata għal xiri li jkun sar għall-operati xjentifiċi, tekniċi u amministrattivi tal-Euro-Argo ERIC skont l-għanijiet tiegħu. Dan għandu jinkludi l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni tal-Euro-Argo ERIC għall-użu uffiċjali u spejjeż ta' konferenzi, workshops u laqgħat tal-Euro-Argo ERIC marbuta direttament mal-attivitajiet mhux ekonomiċi tiegħu. Madankollu l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni ma għandhomx ikunu koperti bl-eżenzjoni mill-VAT, u x-xiri taħt EUR 300 mhux se jiġi kkunsidrat għal eżenzjoni mill-VAT.

KAPITOLU 6

**IR-RELAZZJONI MAL-KUMMISSJONI EWROPEA**

*Artikolu 22*

**Rappurtar lill-Kummissjoni**

1. L-Euro-Argo ERIC għandu jipproduċi rapport annwali tal-attività, li jinkludi fih, b'mod partikolari, l-aspetti xjentifiċi, operattivi u finanzjarji tal-attivitajiet tiegħu. Dan għandu jiġi approvat mill-Kunsill u mibgħut lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet pubbliċi relevanti fi żmien sitt xhur wara li tispiċċa s-Sena Finanzjarja korrispondenti. Dan ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

2. L-Euro-Argo ERIC u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe ċirkustanza li thedded li tfixkel serjament it-twettiq tajjeb tal-kompitu tal-Euro-Argo ERIC jew li jfixkel lill-Euro-Argo ERIC milli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament.

3. Jekk fi kwalunkwe żmien waqt l-eżistenza tiegħu, l-Euro-Argo l-ERIC ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu, għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni Ewropea.

*Artikolu 23*

**Emendi fl-Istatuti**

1. Kull proposta għal emendi tal-istatuti għandha tiġi deċiża mill-Kunsill.

2. Skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 11 tar-Regolament, il-Kunsill għandu jissottometti lill-Kummissjoni Ewropea kull emenda tal-Istatuti proposta.

3. L-istatuti għandhom f'kull ħin ikunu konformi mar-Regolament u l-atti l-oħra kollha rilevanti tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 7

**POLITIKI**

*Artikolu 24*

**Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali**

1. Kull Dritt ta' Proprjetà Intellettwali maħluq, żviluppat, imqajjem jew miksub minn Euro-Argo ERIC waqt l-attivitajiet tiegħu għandhom ikunu l-proprjetà ta' Euro-Argo ERIC.

2. Soġġetti għat-termini ta' kwalunkwe kuntratt jew sottokuntratt bejn Euro-Argo ERIC u l-Membri jew l-Osservaturi jew l-entitajiet rappreżentanti ta' Membri jew Osservaturi, kull Dritt tal-Proprjetà Intellettwali maħluq, imqajjem, miksub jew żviluppat minn Membru jew Osservatur jew entità rappreżentanti għandu jkun il-proprjetà ta' dak il-Membru jew Osservatur jew entità rappreżentanti.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

3. Euro-Argo ERIC jagħti lill-Membri dritt perpetwu, irrevokabbli, mhux esklussiv u mingħajr royalties u mħallas għal kollox madwar id-dinja u liċenzja biex jużaw, jippubblikaw, jiżviluppaw, jikkopjaw jew jadattaw kwalunkwe Dritt ta' Proprjetà Intellettwali li jkun proprjetà ta' Euro-Argo ERIC għal kwalunkwe għan għat-tul kollu ta' dawn id-drittijiet, bit-tali liċenzja u dritt li jinkludu d-dritt ta' subliċenzjar jew ta' trasferiment b'xi mod ieħor ta' kwalunkwe jew kull wieħed minn dawn id-drittijiet imsemmija lil kwalunkwe parti terza.

4. Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li huma proprjetà ta' Euro-Argo ERIC għandhom jiġu identifikati, protetti, immaniġġjati u miżmuma mill-Maniġer tal-Programm.

5. Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' Proprjetà Intellettwali, ir-relazzjonijiet bejn il-Membri għandhom jiġu ggvernati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Membri u minn ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Istati Membri huma partijiet.

*Artikolu 25*

**Id-Dejta u l-Politika tal-Aċċess għall-Utenti**

1. B'konformità mal-politika dwar id-dejta ta' Argo Internazzjonali, l-aċċess għal dejta tal-Euro-Argo ERIC għandha tkun bla ħlas u miftuħa għal kull persuna jew aġenzija.

2. L-aġenziji fl-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jospitaw xjenzati, inġiniera u tekniċi viżitaturi għal kollaborazzjonijiet ma' dawk direttament involuti f'attivitajiet ta' Euro-Argo ERIC fil-laboratorji tagħhom.

*Artikolu 26*

**Politika ta' Evalwazzjoni Xjentifika**

1. L-evalwazzjoni xjentifika tal-attivitajiet annwali, għandha tkun ir-responsabbiltà tal-iSTAG.

2. Reviżjoni tal-attivitajiet u t-tħaddim tal-Euro-Argo ERIC għandha ssir kull ħames snin mill-iSTAG, li jistgħu jinvolvu esperti indipendenti oħrajn fir-reviżjoni skont il-ħtieġa, li jirrapportaw lill-Kunsill.

*Artikolu 27*

**Politika ta' disseminazzjoni**

1. Id-disseminazzjoni tad-dejta għandha titwettaq jew f'"*pull mode*", jiġifieri permezz ta' ddawnlowdjar mill-websajts taċ-ċentri tad-dejta; jew inkella f'"*push mode*", li permezz tagħha il-fajls tad-dejta jiġu pprovduti lis-Sistema tat-Telekomunikazzjoni Globali (GTS) tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO), liċ-Ċentri tad-Dejta ta' Argo Internazzjonali, lin-Netwerk tad-Dejta u l-Osservazzjoni Marina Ewropew (EMODnet), lis-Servizz Marin Copernicus u lil utenti speċifiċi meta jagħmlu talba għal dan.

2. L-utenti kollha huma mħeġġa jippubblikaw ir-riżultati tagħhom f'letteratura xjentifika riveduta minn pari, li jippreżenta komunikazzjonijiet f'konferenzi xjentifiċi, kif ukoll f'midja oħra mmirati lejn udjenzi akbar inkluż mingħajr limitazzjoni l-pubbliku ġenerali, l-istampa, il-gruppi taċ-ċittadini, l-edukazzjoni.

3. Il-Maniġer tal-Programm tal-Euro-Argo ERIC għandu jiżviluppa pjan ta' komunikazzjoni mmirat lejn udjenzi xierqa.

4. L-użu u l-ġbir tad-dejta tal-Euro-Argo ERIC huwa suġġett għal-liġijiet nazzjonali dwar il-privatezza tad-dejta tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 28*

**Politika tal-Impjiegi**

Il-politika tal-impjiegi għandha tkun irregolata mil-liġijiet tal-Istat fejn Euro-Argo ERIC għandu s-Sede Statutorja tiegħu. L-impjieg u r-reklutaġġi kollha għandhom ikunu strettament fuq bażi mhux diskriminatorja.

*Artikolu 29*

**Politika ta' akkwist**

1. Il-politika ta' akkwist tal-Euro-Argo ERIC għandha tkun trasparenti, mhux diskriminatorja u miftuħa għall-kompetizzjoni.

2. Il-politika ta' akkwist għandha tkun iddefinita fid-dettall fil-Proċeduri ta' Ħidma Interna, approvati mill-Kunsill.

KAPITOLU 8

**TERMINU, STRALĊ, TILWIM**

*Artikolu 30*

**Tul ta' żmien**

Euro-Argo ERIC għandu jkun stabbilit għal perjodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020 u għandu jkompli jeżisti wara dik id-data soġġett għal deċiżjonijiet tal-Kunsill.

*Artikolu 31*

**Stralċ**

1. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi fi kwalunkwe ħin li jtemm u jissoġġetta għal stralċ l-Euro-Argo ERIC, jew li jittrasferixxi l-attivitajiet tiegħu lil entità legali oħra.

2. Mingħajr dewmien bla bżonn mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill sabiex isir l-istralċ, u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem minn din l-adozzjoni, l-Euro-Argo ERIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika avviż adatt fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Mingħajr dewmien bla bżonn mill-għeluq tal-proċedura tal-istralċ, u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem minn dan it-tip ta' għeluq, l-Euro-Argo ERIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea b'dan. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika avviż adatt fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Fi kwalunkwe żmien, fil-każ li l-Euro-Argo ERIC ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu, għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni Ewropea b'dan. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika avviż adatt fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Kull assi u obbligazzjoni li jibqgħu wara l-ħlas tad-djun tal-Euro-Argo ERIC għandhom jitqassmu fost il-Membri skont id-drittijiet tal-vot tagħhom fiż-żmien tax-xoljiment.

6. Il-Membri jintrabtu li jorganizzaw iż-żarmar ta' Euro-Argo ERIC u sabiex jiġu ffinanzjati l-ispejjeż relevanti fi proporzjon mad-drittijiet tal-vot tagħhom fiż-żmien tax-xoljiment mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13.

7. Euro-Argo ERIC għandu jieqaf jeżisti fil-jum li fih il-Kummissjoni Ewropea tippubblika n-notifika korrispondenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 32*

**Lingwa**

1. Il-lingwa ta' ħidma ta' Euro-Argo ERIC għandha tkun l-Ingliż.

2. Fejn meħtieġ, lingwa uffiċjali tal-pajjiż ospitanti tal-Euro-Argo ERIC ser tintuża għal relazzjoni mal-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti.

3. Dawn l-Istatuti għandhom jitqiesu awtentiċi bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-lingwi uffiċjali kollha l-oħra tal-Unjoni Ewropea. L-ebda verżjoni lingwistika ma għandha tieħu preċedenza fuq verżjonijiet oħra.

*Artikolu 33*

**Liġi applikabbli**

Euro-Argo ERIC għandu jkun irregolat f'ordni ta' preċedenza:

a. bil-liġi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-Regolament ERIC (KE) Nru 723/2009;

b. bil-liġi tal-Istat Ospitanti fil-każ ta' kwistjonijiet li mhumiex koperti (jew li huma koperti parzjalment) minn din il-liġi tal-Unjoni Ewropea;

c. b'dawn l-Istatuti, adottati b'mod konformi mas-sorsi msemmija hawn fuq tal-liġi; kif ukoll,

d. bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu li huma konformi mal-Istatuti.

*Artikolu 34*

**Tilwim**

1. Ħlief kif stipulat f'xi Artikoli oħra tal-Istatuti, f'każ ta' tilwima jew differenza bejn il-Membri li tirriżulta mill-Istatuti jew li tkun konnessa mal-Istatuti, inkluż dwar l-operat jew il-prestazzjoni tal-Euro-Argo ERIC jew dwar it-twettiq mill-Membri tal-obbligi tagħhom skont l-istatuti, il-Kunsill għandu jiltaqa' malajr kemm jista' jkun biex jikkonsulta *in bona fede* u jfittex li jsolvi t-tilwima.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-litigazzjoni fost il-Membri fir-rigward tal-Euro-Argo ERIC, bejn il-Membri u l-Euro-Argo ERIC u fuq kull każ ta' litigazzjoni li l-Unjoni tkun parti minnha.

3. F'każijiet mhux koperti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea, hija l-liġi tal-Istat fejn l-Euro-Argo ERIC għandu s-Sede Statutorja tiegħu li għandha tiddetermina l-ġurisdizzjoni kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' dan it-tilwim.

*Artikolu 35*

**Verżjoni kkonsolidata tal-Istatuti**

L-istatuti għandhom jinżammu aġġornati u għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-Euro-Argo ERIC u fis-Sede Statutorja tiegħu. Kull emenda fl-Istatuti għandha tkun indikata b'mod ċar b'nota li tispeċifika jekk l-emenda tikkonċernax element essenzjali jew mhux essenzjali tal-Istatuti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009 u l-proċedura segwita għall-adozzjoni tiegħu.

**Anness — Elenku tal-Membri u l-Osservaturi**

Il-Membri u l-entitajiet rappreżentanti tagħhom huma dawn li ġejjin:

1. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija rrappreżentata mill-Aġenzija Federali Marittima u Idrografika, minn hawn 'il quddiem imsejħa BSH li l-uffiċċju rreġistrat tagħha jinsab f'Bernhard-Nocht-Strasse 78, 20359 Hamburg, il-Ġermanja;

2. Ir-Repubblika Ellenika hija rrappreżentata miċ-Ċentru Elleniku għar-Riċerka Marina li l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jinsab f'46,7 km Athens-Sounio Ave. PO Box 712 Anavyssos, Attica GR-190 13, il-Greċja;

3. Ir-Repubblika Franċiża hija rappreżentata mill-Istitut tar-Riċerka għall-Isfruttament tal-Baħar — (Ifremer) — li l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jinsab f'155, Rue Jean Jacques Rousseau, 92138 Issy-les-Moulineaux, Franza;

4. Ir-Repubblika Taljana hija rappreżentata mill-Istitut Nazzjonali tal-Oċeanografija u l-Ġeofiżika Sperimentali (OGS) li l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jinsab f'Borgo Grotta Gigante, 42/c 34010 Sgonico (Trieste), l-Italja;

5. Il-Pajjiżi l-Baxxi huma rrappreżentati mill-Istitut Meteoroloġiku Rjali tal-Pajjiżi l-Baxxi (KNMI) li l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jinsab f'Wilhelminalaan 10, NL- 3732 GK De Bilt, il-Pajjiżi l-Baxxi;

6. Ir-Repubblika tal-Finlandja hija rrappreżentata mill-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni, li l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jinsab f'PO Box 31, FI–00023 Government, il-Finlandja.

7. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa rappreżentat mill-Uffiċċju Meteoroloġiku, għal u f'isem is-Segretarju tal-Istat għad-Dipartiment għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li l-post prinċipali minn fejn jeżerċita n-negozju tiegħu jinsab f'Fitzroy Road, Exeter EX1 3PB;

L-osservaturi u l-entitajiet rappreżentanti tagħhom huma dawn li ġejjin:

1. Ir-Renju tan-Norveġja huwa rrappreżentat mill-Istitut tar-Riċerka Marina (IMR) li l-uffiċċju rreġistrat tiegħu jinsab f'Nordnesgaten 50, 5005 Bergen, in-Norveġja.

2. Ir-Repubblika tal-Polonja hija rrappreżentata mill-Ministeru tax-Xjenza u l-Edukazzjoni Għolja (MSHE), 20 Hoża Street 1/3 Wspólna Street 00-529, Varsavja, il-Polonja.

GLOSSARJU

**Il-Kunsill** — Il-Kunsill huwa magħmul mill-Membri jew minn entità jew delegat rappreżentattiv wieħed (1) maħtur għal kull Membru.

**Maġġoranza kkwalifikata** — deċiżjoni tista' tiġi adottata biss jekk 2/3 ta' dawk preżenti jaqblu magħha u jekk jirrappreżentaw 2/3 tad-drittijiet tal-vot.

**EEA** — L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

**ERIC** — Il-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura tar-Riċerka, kif iddefinit fir-Regolament.

**Euro-Argo ERIC** — l-entità ġuridika, oġġett tal-istatuti ta' ERIC, imwaqqaf biex jikoordina l-Programm Euro-Argo ERIC.

**Infrastruttura Euro-Argo** — il-faċilitajiet Ewropej li jikkontribwixxu għall-Programm Euro-Argo.

**Programm Euro-Argo** — l-attivitajiet imwettqa mill-Membri u mill-Osservaturi skont l-għanijiet ta' Argo u d-deċiżjonijiet u l-Programmi vvalidati mill-Bord tat-Tmexxija u approvati mill-Kunsill tal-Euro-Argo ERIC.

**GMES/Copernicus** — Is-Sorveljanza Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà, Programm tal-UE.

**Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali** — il-privattivi, id-drittijiet ta' invenzjonijiet, il-mudelli ta' utilità, id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, il-marki kummerċjali, il-marki tas-servizz, il-kummerċ, in-negozju u l-ismijiet tad-dominji, id-drittijiet innegozjati jew ta' muntatura, id-drittijiet f'avvjament jew ta' tiftix il-qorti għal iffalsifikar, id-drittijieit tal-kompetizzjoni inġusta, id-drittijiet ta' disinji, id-drittijiet tas-softwer tal-kompjuter, id-dritt tal-bażi tad-dejta, id-drittijiet tat-topografija, id-drittijiet morali, id-drittijiet ta' informazzjoni kunfidenzjali (inkluż l-għarfien tal-ħiliet u s-sigrieti tal-kummerċ) kollha u kull dritt ieħor ta' proprjetà intellettwali, f'kull każ jekk irreġistrat jew mhux irreġistrat u inklużi l-applikazzjonijiet kollha għal dawn id-drittijiet u t-tiġdid jew l-estensjonijiet tagħhom, u d-drittijiet jew forom simili kollha jew ekwivalenti ta' protezzjoni f'kull parti tad-dinja.

**Proċeduri ta' Ħidma Interna** — dokument approvat mill-Kunsill li jiffissa r-regoli ta' ħidma interna għall-Euro-Argo ERIC.

**Bord tat-Tmexxija** — Il-Bord maħtur mill-Kunsill u inkarigat biex jissorvelja t-tħaddim ta' Euro-Argo ERIC.

**Stati Membri** — L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

**Membri** — Il-membri ta' Euro-Argo ERIC skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6.

| | |
|---|---|
| **Osservaturi** | L-osservaturi ta' Euro-Argo ERIC skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7. |
| **Maniġer tal-Programm** | il-persuna fl-Euro-Argo ERIC maħtura mill-Kunsill u responabbli mit-tħejjija u l-implimentazzjoni xierqa tad-deċiżjonijiet u l-Programmi vvalidati mill-Bord tat-Tmexxija u approvati mill-Kunsill kif jistipula l-Artikolu 15. |
| **Uffiċċju tal-Programm** | l-uffiċċju mwaqqaf biex jassisti lill-Maniġer tal-Programm u jappoġġja l-immaniġġjar ta' kuljum tal-Euro-Argo ERIC. |
| **Regolament** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju, 2009 dwar il-qafas legali ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) (ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1). |
| **Maġġoranza sempliċi** | maġġoranza ta' dawk bi drittijiet tal-vot preżenti jew irrappreżentati. |
| **STAG** | Il-Grupp Konsultattiv Xjentifiku u Tekniku tal-Euro-Argo ERIC. Dan jifformula rakkomandazzjonijiet dwar l-aspetti xjentifiċi u tekniċi u d-direzzjoni tal-Euro-Argo ERIC. |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-7 ta' Mejju 2014

## li tiddetermina d-data minn meta s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għandha tibda topera fi tnax, fi tlettax, f'erbatax u fi ħmistax-il reġjun

(2014/262/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 48(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/493/UE ([2]), it-tnax-il reġjun fejn għandhom jibdew il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għall-applikazzjonijiet kollha jinkludi l-Kosta Rika, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, in-Nikaragwa u l-Panama; it-tlettax-il reġjun jinkludi l-Kanada, l-Messiku u l-Istati Uniti; l-erbatax-il reġjun jinkludi Antigwa u Barbuda, il-Baħamas, il-Barbados, il-Beliże, Kuba, Dominika, Ir-Repubbika Dominikana, Grenada, il-Gujana, Ħaiti, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini, is-Surinam u Trinidad u Tobago; u l-ħmistax-il reġjun jinkludi l-Awstralja, Fiġi, Kiribati, il-Gżejjer Marshall, il-Mikroneżja, Nauru, in-New Zealand, il-Palaw, il-Papwa Ginea Ġdida, Samoa, il-Gżejjer Solomon, Timor-Leste, Tonga, Tuvalu u l-Vanwatu.

(2) L-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni li huma għamlu l-arranġamenti tekniċi u ġuridiċi meħtieġa biex jiġbru u jittrażmettu d-dejta msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 lill-VIS għall-applikazzjonijiet kollha f'dawn ir-reġjuni, inklużi l-arranġamenti għall-ġbir u/jew għat-trażmissjoni tad-dejta f'isem Stat Membru ieħor.

(3) Il-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 48(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 hija b'hekk issodisfata, u għalhekk huwa meħtieġ li tiġi determinata d-data meta l-VIS għandha tibda topera fit-tnax, fit-tlettax, fl-erbatax u fil-ħmistax-il reġjun.

(4) Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi stabbilita data għall-bidu tal-VIS fil-futur qrib, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar stess li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Minħabba li r-Regolament (KE) Nru 767/2008 jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka nnotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 fil-liġi nazzjonali tagħha skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Id-Danimarka, hija għaldaqstant marbuta bil-liġi internazzjonali li timplimenta din id-Deċiżjoni.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ([3]). Għaldaqstant ir-Renju Unit mhux marbut biha u lanqas ma huwa soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(7) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fiha l-Irlanda mhijiex qed tippparteċipa, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ([4]). L-Irlanda għalhekk mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/493/UE tat-30 ta' Settembru 2013 li tiddetermina t-tielet u l-aħħar sett ta' reġjuni għall-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 268, 10.10.2013, p. 13).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(8) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([1]), li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([2]).

(9) Fir-rigward tal-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([3]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([4]).

(10) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([5]), li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([6]).

(11) Fir-rigward ta' Ċipru, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq, jew li b'xi mod ieħor huwa relatat, mal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

(12) Fir-rigward tal-Bulgarija u tar-Rumanija, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq, jew li b'xi mod ieħor huwa relatat, mal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005.

(13) Fir-rigward tal-Kroazja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq, jew huwa diversament relatat mal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża għandha tibda topera fit-tnax, it-tlettax, l-erbatax, u l-ħmistax-il reġjun skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/493/UE fil-15 ta' Mejju 2014.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).
([3]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).
([5]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tapplika skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT